**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 202**
**L-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 202**
**L-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 202**

**L-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024**

## WERREJ


MINUTI ... 67

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ... 67

TQEGĦID TA' KARTI ... 73

KUMITATI PERMANENTI ... 74

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ABBOZZ TA'LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 8) (It-Tieni Qari)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 8) BILL (Second Reading) ... 78

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 9) (It-Tieni Qari)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 9) BILL (Second Reading) ... 90

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 8) (Kumitat)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 8) BILL (Committee stage) ... 91

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 9) (Kumitat)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 9) BILL (Committee stage) ... 92

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (It-Tielet Qari)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ... 95

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 2) (It-Tielet Qari)
CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 2) BILL (Third Reading) ... 95

AĠĠORNAMENT ... 96

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ... 100

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 201, li saret fit-30 ta' Jannar 2024, ġew ikkonfermati.*

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Kamra li wara li s-Sedja ħadet inkonsiderazzjoni t-talba tal-Onor. Ray Abela sabiex jiġi reġistrat bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta Nru 200 tad-29 ta' Jannar 2024, is-Sedja laqgħet it-talba u tordna li ssir il-korrezzjoni fil-Minuti tas-seduta relattiva.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### ESPERTI TAL-QORTI – TALBIET GĦALL-ĦLAS

**13314. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm talbiet pendenti għall-ħlas lill-esperti tal-qorti fil-preżent u minn meta ilhom dovuti?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm talbiet pendenti għall-pagamenti għall-ħlas lill-esperti tal-Qorti fil-preżent sal-25 ta' Jannar 2024.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, il-vjolenza domestika hija pjaga fis-soċjetà u għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid x'qed isir fi ħdan il-Ministeru biex nindirizzaw dan is-settur?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nippreċiża li mhux fil-Ministeru għall-Ġustizzja biss imma għaddejja ħidma konġunta ma' diversi ministeri oħrajn għaliex din hija pjaga soċjali li tittratta diversi aspetti li jaqgħu taħt varji Ministeri, fosthom dawk responsabbli għall-familja u għall-intern, li naf kemm jaħdmu b'rabta ma' dan is-suġġett.

Bħala Ministeru għall-Ġustizzja kellna numru ta' mistoqsijiet parlamentari marbuta ma' dan l-aspett fejn ġustament ġejna mitluba nagħtu rendikont fuq ċerti aspetti ta' din il-ħidma. Fl-aħħar ġranet, anke fis-seduta tal-bieraħ, tajna dettalji dwar kemm kien hemm kawżi relatati ma' vjolenza domestika li kienu deċiżi u kif bl-interventi li għamilna s-sena li għaddiet kien hemm numru ferm akbar minn dak li kien hemm fis-snin preċedenti. Eżattament kien hemm 1,450 każ li ġew deċiżi mill-qrati tagħna. Dan grazzi għall-interventi u d-deċiżjonijiet min-naħa tal-Gvern imma wkoll mill-aspett ta' kif tiffunzjona l-ħidma tal-ġudikatura fl-assenjazzjonijiet li jagħmel il-Prim Imħallef.

Kif spjegajt f'diversi okkażjonijiet, dan il-Gvern kien iddeċieda, anke b'konsultazzjoni mas-Sinjorija Tiegħu, li jkun hemm ġudikant ieħor li jittratta każijiet marbuta mal-vjolenza domestika. Dik iż-żieda fil-korp tal-ġudikatura seħħet mhux fl-aħħar sejħa li ħarġet imma f'dik preċedenti fejn kellna żieda ta' żewġ maġistrati. Wieħed minn dawn il-maġistrati nħatar bl-iskop li jkollna maġistrat ieħor iffokat fuq is-sitwazzjoni marbuta mal-vjolenza domestika. Dan wassal biex inżidu l-frekwenza tas-seduti li għandhom x'jaqsmu mal-kawżi sommarji marbuta mal-kawżi tal-vjolenza domestika.

Imbagħad kellna maġistrat ieħor iffokat fuq kumpilazzjonijiet b'element predominanti ta' vjolenza domestika, jiġifieri l-akkuża tkun b'mod predominanti marbuta mar-realtà tal-vjolenza domestika, fejn hemmhekk ukoll rajna differenza sostanzjali. Fiż-żmien li ġej, kif għedt, anke minħabba l-fatt li komplejna nsaħħu l-korp tal-ġudikatura, anke b'konsultazzjonijiet li jkolli mal-Prim Imħallef, se nkunu f'pożizzjoni li jkun hemm maġistrat ieħor fuq il-kawżi sommarji biex nassiguraw li nsostnu dan it-ritmu li qbadna ta' kawżi li kemm jista' jkun jiġu ttratatti b'mod sommarju għax fil-fatt huma kawżi sommarji. L-għan tagħna hu biex naraw li l-ġustizzja ma ddumx ma sseħħ f'dawn ir-realtajiet soċjali.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Beppe Fenech Adami, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, fl-attakk insensat u ppjanat tal-Prim Ministru fuq il-ġudikatura din il-ġimgħa l-Prim Ministru rrepeta diversi drabi li jekk inkjesta ddum iktar minn sitt xhur tkun qed tinkiser xi liġi. Bħala l-persuna responsabbli mill-ġustizzja f'pajjiżna, jista' l-Ministru jserraħ moħħ il-poplu li dak li qal il-Prim Ministru, ċjoè li jekk inkjesta ddum iktar minn sitt xhur tkun qed tinkiser il-liġi, hija gidba? Jista' jikkonferma li hemm mijiet ta' inkjesti maġisterjali li ilhom iktar minn sitt xhur pendenti?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, mhux għax irrid noħloq antagoniżmu f'dawn il-mistoqsijiet parlamentari, però jien infakkar lill-Onor. Interpellant li l-uniku Prim Ministru li nstab li kiser il-jeddijiet fundamentali tal-individwu kien il-Prim Ministru Eddie Fenech. (Onor. Membri: Hear, hear)

Issa fuq il-mistoqsija li għamel jien nifhem li forsi ftit li xejn jipprattika fil-kamp kriminali, però bl-aktar mod ċar it-terminu ta' inkjesta huwa dak li qal il-Prim Ministru. Ma qal xejn li kiser xi dritt fundamentali għax huwa fatt li hemm terminu li nafu li jiġi estiż. Irrid infakkar ukoll li fuq il-kwestjoni tal-inkjesta li qed jagħmel referenza għaliha, din hija inkjesta *in genere.* Din tradizzjonalment dejjem issejħet bħala inkjesta, però din hija inkjesta *in genere*. Jien ma naqbilx mal-Onor. Interpellant li l-Prim Ministru qed jagħmel xi attakk insensat. Il-preokkupazzjoni ta' kull individwu, inkluż tiegħi, hi li rridu nassiguraw li l-ġustizzja sseħħ b'mod effiċjenti.

Dwar l-iskumdità jew id-dwejjaq tagħna fuq proċeduri li jtawlu bla limitu fil-qasam tal-ġustizzja aħna mhux nitkellmu biss imma naġixxu wkoll u kif jafu n-nies, aħna kommessi li nindirizzaw dawn ir-realtajiet. Jien naf ħafna persuni li ilhom jistennew l-eżitu ta' inkjesti snin twal b'realtajiet li huma pjuttost partikolari lil hinn mill-kwestjonijiet u l-kontroversji politiċi. Hemm ħafna familji li, sfortunatament, ġarrbu sitwazzjonijiet li spiċċaw suġġetti għal inkjesti u għadhom qed jistennew bil-ħerqa l-eżitu ta' dawn l-inkjesti biex forsi jaraw li sseħħ ġustizzja. Aħna bl-aktar mod ċar x'għamilna?

Minkejja d-diskors li ilu jsir minn żmien Gvernijiet Nazzjonalisti, minkejja li dak iż-żmien kellhom fuq il-bankijiet tagħhom nies fis-settur bħal Dr Franco Debono li kien jappellalhom biex immorru għal riforma fejn verament ikun hemm grupp ta' maġistrati ffokati fuq l-inkjesti, kien biss dan il-Gvern li beda jwettaq dik ir-riforma. Huwa biss dan il-Gvern li għandu l-kuraġġ iwettaq dawn ir-riformi li forsi wħud fuq in-naħa l-oħra tal-Kamra huma skomdi bihom. Huma jedhew bil-kompjaċenza, imma aħna rridu nbiddlu għall-ġid tal-poplu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Rosianne Cutajar, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Sur President, dan il-Parlament approva b'mod unanimu l-liġi dwar il-femiċidju. Sfortunatament, fil-qrati tagħna f'żewġ każijiet partikolari d-difiża qiegħda targumenta proprju kontra din il-liġi. Nixtieq nisma' l-kumment tal-Ministru dwar dan. Naf li forsi diffiċli għalih anke li jitkellem dwar proċeduri li jkunu għaddejjin fil-qrati tagħna, imma tinkwetah din il-ħaġa? Jista' l-Parlament, li diġà approva b'mod unanimu dik il-

liġi, isaħħaħ din l-istess liġi sabiex ma tibdiex tintuża fil-qrati tagħna bħala mod ta' kif kważi, kważi ndewmu iktar il-proċess tal-ġustizzja?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nifhem lill-Onor. Rosianne Cutajar li tagħmel din it-tip ta' mistoqsija, però jien se nkun kawt ħafna fil-kummenti tiegħi minħabba li hemm iktar minn kawża waħda marbuta mal-aspett kostituzzjonali ta' din ir-riforma li din il-Kamra bl-aktar mod kuraġġuż ħadet fiż-żmien li għadda biex nibagħtu messaġġ b'saħħtu u inekwivoku li aħna mhux se naċċettaw li fis-soċjetà tagħna jkun hawn dawn it-tipi ta' reati.

Jien naħseb li kull opinjoni tiegħi f'dan l-istadju hija irrilevanti għax kien il-Parlament kollu, b'mod unanimu, li bagħat messaġġ b'saħħtu ħafna meta lleġiżla fuq il-femiċidju, u konna wieħed mill-pajjiżi tal-bidu li kellna l-kuraġġ nieħdu dan il-pass. Komplejna nsaħħu dak propost inizjalment anke fl-istadju ta' Kumitat biex kemm jista' jkun nassiguraw li nilleġiżlaw b'mod li jkun legalment konformi anke mal-aspett kostituzzjonali. Naħseb li l-ogħla istituzzjoni ta' dan il-pajjiż, bil-leġiżlazzjoni li daħħlet, bagħtet messaġġ li huwa inekwivoku.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Beppe Fenech Adami, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, ladarba pprova jagħtina lecture fuq in-natura tal-inkjesta, jista' l-Ministru jikkonferma li l-inkjesta li hemm bħalissa fuq l-isptarijiet hija simili għall-inkjesta li kien hemm fuq il-mewt ta' Jean Paul Sofia fejn nafu wkoll li dakinhar il-Prim Ministru tiegħu attakka bl-iktar mod selvaġġ lill-maġistrat li kienet qed tmexxi dik l-inkjesta?

Fl-inkjesta li hemm bħalissa dwar l-isptarijiet, b'xi mod inkisret il-liġi mill-Maġistrat li qiegħda tagħmel din l-inkjesta? Iva jew le? Il-Prim Ministru tiegħu qal li nkisret il-liġi u qed tinkiser il-liġi. Jista' l-Ministru responsabbli mill-ġustizzja jserraħ moħħ il-poplu Malti li l-ġudikatura tista' topera b'mod indipendenti u mingħajr pressjoni mill-Prim Ministru? Jista' jserraħ ras il-poplu u jgħidlu li Robert Abela kien qed jigdeb, kien żbaljat u mhux veru li qiegħda tinkiser il-liġi fl-inkjesta tal-isptarijiet?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Mhuwiex aċċettabbli li l-Onor. Interpellant jattakka lill-Prim Ministru u jgħid li qiegħed jigdeb. Dan mhuwiex diskors parlamentari li ... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Fenech Adami on a point of order.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Aħna mill-Oppożizzjoni meta nikkritikaw lill-Prim Ministru ma nkunux qed nattakkaw lill-Prim Ministru. Qegħdin nikkritikaw lill-Prim Ministru li fil-ġranet li għaddew attakka lill-ġudikatura. Dak li qegħdin nagħmlu! (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Ħu paċenzja, dak narah jien, jekk jogħġbok. Kompli bir-risposta. (Interruzzjonijiet) Le, mhux diskors parlamentari, imma ejja ma neskalawx l-affarijiet. Jien nifhem id-domanda kif saret. Ovvjament inti għandek it-tweġiba u mmexxu.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirringrazzja lis-Sedja li ċċarat li dak mhux diskors parlamentari. Huwa diskors kundannabbli li sar fil-konfront tal-Prim Ministru. Jien niskanta b'liema mod vili jipprova jqabbel l-inkjesta ta' Jean Paul Sofia ma' inkjesta li m'għandha x'taqsam xejn fin-natura tagħha. X'argument hu?! Fejn trid tasal? Li jkollok Membru li b'kull dovut rispett lejh ma jafx A minn B fil-liġi, dik skużabbli, imma li tipprova tuża każ bħal dak ta' Jean Paul Sofia ... (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Ippermettili ftit. Id-domanda saret. Issa nistennew ir-risposta. Kompli. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** M'għandekx livell iktar baxx fejn tista' taqa'! Weġibtek!

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, waħda mill-affarijiet li tiddistingwina huwa l-fatt li aħna nikkonsultaw. Bħalissa għaddejjin ħafna konsultazzjonijiet pubbliċi. Jista' l-Ministru jagħtina indikazzjoni u ftit

dettalji dwar dawn il-konsultazzjonijiet?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Lil hinn mill-kummenti pwerili, bir-rispett kollu lejk, Onor. Cutajar ... (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Ippermettili ftit. Onor. Cutajar, inti ma kellekx il-kelma, jiġifieri m'għandekx għalfejn tipprova twerżaq. (Interruzzjonijiet) Insemmik għax għaddejt kumment. Għamel ħażin li indirizza lilek. Jekk jogħġbok Ministru, indirizza lili u agħti r-risposta. (Interruzzjonijiet) Imbagħad dawk l-affarijiet narahom jien.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed isiru diversi konsultazzjonijiet pubbliċi, inkluż din li qed issir referenza għaliha u li qajmet diskussjoni. Konsultazzjoni pubblika għandha proprju dak l-iskop, u llum wasalna wkoll biex hemm diversi stakeholders li qegħdin jaraw l-importanza li ssir riforma biex inkomplu nassiguraw li jkollna liġijiet aktar effettivi biex ngħinu lil dawk li huma vittmi tad-droga.

Jien kelli l-okkażjoni nitkellem f'dan il-Parlament fejn l-Oppożizzjoni saħansitra waslet biex tgħid ereżijiet legali. Dan id-diskors mhux jien qed nużah. Jafu min użah dan id-diskors! Qalu ereżijiet legali b'tali mod li spiċċaw iżolati fl-attakk insensat kontra riforma daqstant importanti li għandha tassigura li l-ġustizzja tkun aktar effettiva ma' dawk li spiċċaw vittma ta' din il-pjaga soċjali. B'mod malizzjuż l-Oppożizzjoni pprovat tagħti miżinformazzjoni dwar din ir-riforma, inkluż fuq l-aspett tal-użu personali. Dawn huma skedi indikattivi li se jwasslu biex iktar nies li jispiċċaw vittmi tal-pjaga tad-droga f'pajjiżna, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-qorti tad-droga. (Interruzzjonijiet) Lill-Caritas għedthielhom, Onor. Cutajar. Kelli laqgħa magħhom!

**L-ISPEAKER:** Indirizza lili! Jien qed nisimgħu u issa nieħu ħsieb jien. Indirizza lili!

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, il-proposti li qed jiġu mressqa għall-konsultazzjoni pubblika se nkomplu niżviluppawhom għax hemm riformi importantissimi lil hinn mid-diskussjoni fuq l-ammonti. Hemm riformi importantissimi u naċċerta lil kulħadd li d-diskussjoni se tkompli. Dan huwa Gvern li verament jisma'. Dan huwa Gvern li tassew jaf jikkonsulta, però żgur mhux se nagħmel kif qal il-Kap tal-Oppożizzjoni u narmi din ir-riforma, għax inkun qed narmi l-ħajja ta' dawk li sfortunatament spiċċaw vittma ta' din il-pjaga. Il-Kap tal-Oppożizzjoni ma jridx jagħtihom opportunità li jerġgħu jibnu ħajjithom mill-ġdid, imma aħna differenti.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, nirreferi lill-Ministru għall-artikolu 550A tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li meta inkjesta maġisterjali ma titlestiex fi żmien 60 ġurnata kulma jrid jagħmel il-maġistrat inkwirenti hu li jinforma lill-Avukat Ġenerali u ma jitolbu l-ebda permess biex jestendi din l-inkjesta maġisterjali għal xahar ieħor. Imbagħad kull xahar irid jibgħatlu rapport. In vista ta' dan li joħroġ mill-artikolu 550A tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru jaqbel li l-Prim Ministru gideb lill-poplu Malti u Għawdxi meta qal li l-inkjesta maġisterjali qiegħda ssir kważi bi ksur tal-liġi?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, totalment ma naqbilx, u ċertament ma naqbilx ukoll mal-mod kif qed jiġi kkwotat il-Prim Ministru. Naħseb li l-Prim Ministru kien ċar ħafna. Mill-banda l-oħra, għan-naħa l-oħra tal-Kamra huwa aċċettabbli li inkjesta tagħmel erba' snin u nofs u, suġġett relatat, bil-proċeduri ċivili jiġu deċiżi mill-Prim Awla, jiġu deċiżi mill-Appell imma l-inkjesta għadha għaddejja? Huwa ġust għal kwalunkwe individwu li jibqa' mdendel għal dawn is-snin kollha f'sitwazzjoni bħal din?

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Fl-aħħar jiem il-Ministru kellu diversi laqgħat mal-Kumitat tal-Avukati u l-Prokuraturi Legali fejn iddiskuta diversi temi. Jista' jgħid x'ġie diskuss f'dawn il-laqgħat?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ftit tas-seduti ilu waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari kelli l-okkażjoni ngħid li kien hemm tibdil fil-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Avukati u l-Prokuraturi Legali taħt il-Kummissjoni għall-

Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Jien kelli l-opportunità li niltaqa' mal-Kumitat hekk kif rikompost jew kif huwa stabbilit issa taħt it-tmexxija tal-Imħallef Emeritu Geoffrey Valencia.

Kellna numru ta' diskussjonijiet anke b'riflessjonijiet fuq is-sitwazzjoni li kellna – u dan mhuwiex sigriet – marbuta mad-diffikultà li qamet b'rabta mal-fit and proper test. Imma mhux biss. Hemm anke realtajiet oħra tal-funzjoni importantissima marbuta mal-aspett dixxiplinarju tal-professjoni legali. Tkellimna, u kif għamilt fil-passat erġajt offrejt kull assistenza lil dan il-Kumitat biex nassiguraw li jkunu jistgħu jiżvolġu l-ħidma tagħhom bl-aqwa mod possibbli.

Ħassejt li kelli niddiskuti magħhom anke ċerti ħsibijiet li kelli fuq tibdil leġiżlattiv biex kemm jista' jkun nassiguraw li ma nerġgħux nassistu għal sitwazzjoni mill-iktar inaċċettabbli fejn ikollok persuna li tkun lestiet il-perkors edukattiv tagħha b'suċċess, tkun resqet biex għamlet it-test orali u anke t-test tal-kitba marbut mal-għoti tal-warrant, imma minħabba din is-sitwazzjoni kien inħoloq impasse l-ewwel b'rabta mal-linji gwidi, imbagħad anke mal-ipproċessar.

Il-proċess ittawwal b'mod mill-iktar inġustifikabbli. Jien diġà ddikjarajt kemm kienet sitwazzjoni inaċċettabbli u inġusta għal dawk li jkunu għamlu snin sħaħ jistudjaw. Ħafna minna f'din il-Kamra għaddejna minnha u rridu naraw għalhekk li ndaħħlu ċerti emendi li jirriflettu dawk l-esperjenzi li kellna. Irridu nirriflettu wkoll fuq ċerti responsabbiltajiet fir-rwol li għandu l-istess Kumitat, inkluż il-possibbiltà li jinħoloq dritt ta' appell.

Iddiskutejna kif nistgħu nkomplu nsaħħu ċerti aspetti li issa bdew jiffunzjonaw mhux biss mill-aspett leġiżlattiv imma wkoll mill-aspett amministrattiv. Dan għax nemmen li għandhom bżonn ċerta assistenza għax il-volum tax-xogħol tagħhom żdied sostanzjalment. Jien minn hawnhekk personalment nirringrazzjahom tal-ħidma li għamlu għax huwa xogħol pjuttost impenjattiv għal min jidħol għalih, però dawk kollha li qegħdin fuq il-bord u anke l-membri preċedenti daħlu għal dan ir-rwol bl-akbar responsabbiltà.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, ftit tal-minuti ilu l-Imħallef Giovanni Grixti ta digriet tal-qorti li fih ikkundanna r-risposta u t-talbiet li għamlu, u l-mod intimidatorju li bih ġabu ruħhom il-Gvern u l-Avukat tal-Istat fil-konfront tiegħu. Il-Ministru se jiskuża ruħu mal-Imħallef Giovanni Grixti għall-mod intimidatorju li bih ippreżentaw it-talbiet lill-Qorti u għall-argumenti li għamlu?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, sinċerament ċerti mistoqsijiet iħalluni impressjonat. Jekk kien hawn xi ħadd li attakka lill-Imħallef Giovanni Grixti kienet l-Oppożizzjoni li kellha Membru li ġie saħansitra kkundannat mill-Kamra tal-Avukati wara li dan, b'mod mill-iktar intimidatorju lejlet li ta digriet, attakkah fuq il-midja soċjali u qal x'akkwisti kien għamel fis-snin l-imgħoddija. Imbagħad jistaqsi jekk għandix nitlob apoloġija għall-fatt li bħala Avukat tal-Istat u l-Gvern sussegwentement talbu li nimxu mad-*dettami* tal-liġi! Le, jien ninsisti li f'kull proċedura kulħadd għandu josserva d-*dettami* tal-liġi. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Il-Ministru għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu l-Building and Construction Authority (BCA) li għandha rwol importanti biex tħares l-interessi fil-qasam tal-kostruzzjoni. Jista' jgħid x'tibdiliet qed jara biex din l-Awtorità tkun aktar effettiva?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Iva, din l-Awtorità ġiet parti mill-portafoll tal-Ministeru hekk kif estiż. Hemm numru ta' riformi li qegħdin inkomplu naħdmu fuqhom. Fl-aħħar snin saru riformi importantissimi f'dan is-settur. Hawn insellem lill-predeċessur tiegħi l-Ministru Zrinzo Azzopardi li kien qed iwettaq riformi f'diversi aspetti ta' dan is-settur daqstant importanti, mhux biss mill-aspett ekonomiku imma wkoll mill-aspett soċjali, għaliex dan il-qasam mhux biss jolqot lil dawk li huma fl-industrija, f'settur ekonomiku daqstant importanti, imma anke nies li qegħdin litteralment jinvestu jew jibnu għal skopijiet soċjali, jiġifieri d-dar ta' abitazzjoni tagħhom.

Nemmen li rridu nkomplu fuq dan it-traġitt marbut mar-riformi li jridu jitwettqu pjuttost b'ritmu mgħaġġel. Hawn mhux qed nirreferi biss għal riformi leġiżlattivi imma anke għal dak li għandu x'jaqsam ma' investiment, inkluż investiment relatat ma' riżorsi umani. Irridu nkomplu nsaħħu r-riżorsi umani neċessarji biex nassiguraw kemm l-aspett tal-funzjoni tal-awtorità imma wkoll biex meta nwettqu t-tibdil leġiżlattiv ikollna r-riżors uman neċessarju biex dik il-ħidma tkun tista' ssir bl-aqwa mod possibbli.

Nixtieq ukoll nosserva li bħal fi kwalunkwe settur ieħor, li tattira n-nies f'pajjiżna saret waħda mill-ikbar sfidi, però nħares 'il quddiem b'ottimiżmu u kif għamilna f'setturi oħrajn, inkomplu naraw li nagħmlu dawk ir-riformi neċessarji li jwasslu biex ikun hawn iktar serħan tal-moħħ fis-settur marbut mal-iżvilupp u l-kostruzzjoni.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Nirreferi lill-għar-riforma li qed jipproponi fil-qasam tad-droga u nitolbu kjarifika. Meta jsemmi 200 gramma eroina u 200 gramma kokaina, qed jitkellem dwar 200 gramma ta' kokaina pura u 200 gramma ta' eroina pura? Jista', jekk jogħġbu, jikkjarifika jekk ir-referenza hijiex għal droga mija fil-mija pura jew le?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, jien nifhem li l-Onor. Interpellant qed jipprova jqabbad difrejh jew jiġġustifika l-pożizzjoni żbaljata li ħa l-Kap tiegħu marbuta ma' din ir-riforma. (Onor. Membri: Hear, hear)

Jien niskanta anke bil-mistoqsija nnifisha. Dak propost fl-abbozz ta' dokument ta' konsultazzjoni u fl-abbozz ta' liġi anness miegħu ma jbiddel xejn minn dak li hemm illum. B'mod mill-iktar qarrieq qed jagħti l-impressjoni li qisu daħal il-kunċett ta' 200 gramma bi skop indikattiv biex wieħed jikkwalifika għal dik li hija qorti tad-droga. Illum dik il-200 gramma hija 100 gramma. Qegħdin naraw li jkun hemm aġġustament u hawn se nfiehem fuq xiex kien ibbażat dan l-aġġustament.

L-aġġustament sar abbażi ta' għaxar snin ta' esperjenza f'dan ir-rigward. Hemm konsiderazzjonijiet ġusti ħafna li varji stakeholders qegħdin jitkellmu magħna dwarhom. Mill-banda l-oħra hemm ukoll rikonoxximent mill-istess stakeholders li kien hemm sitwazzjonijiet ta' persuni ġenwini li huma vittmi tad-droga li skorrew l-ammont li hemm illum, li huwa 100 gramma. Illum hemm min il-100 gramma jiskorrihom bi ftit, u minkejja li jkollhom l-istess ċirkostanzi forsi ta' każ ieħor ta' nies dipendenti mid-droga, ma jikkwalifikawx għall-qorti tad-droga b'tali mod li jingħataw ċans jibnu ħajjithom mill-ġdid.

Bl-aktar mod qarrieqi, tan-naħa l-oħra jipprovaw jitfgħu dubji fuq din ir-riforma bħal donnu qegħdin nivvintaw xi ħaġa ġdida. Din is-sistema daħħalha Gvern Laburista għaxar snin ilu għaliex kellu l-kuraġġ li jagħmel distinzjoni bejn traffikant tad-droga li jittraffika biex iħaxxen butu u persuna li twettaq reat biex tiffinanzja l-vizzju li tkun spiċċat fih.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, fl-aħħar jiem iċċelebrajna l-ġurnata marbuta mal-protezzjoni tad-data. Naf li llum il-Ministru kellu l-opportunità li jindirizza wħud mill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku dwar din il-ġurnata, u għalhekk xtaqt li forsi jgħidilna eżattament xi kkommemorajna u x'kien l-iskop ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru. Fil-qosor, jekk jogħġbok.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, illum kellna konferenza li bħala Ministeru qed nagħmluha b'mod annwali fid-direttorat responsabbli minn dan is-settur. Dan huwa settur importantissimu għaliex aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar il-mod kif tiġi proċessata u anke preservata informazzjoni marbuta ma' individwi qed isiru importanti. Il-konferenza tal-lum kienet okkażjoni fejn l-uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku li huma responsabbli minn dan l-aspett jiltaqgħu u jkun hemm skambju ta' esperjenzi imma, fuq kollox, tkun okkażjoni fejn jiċċaraw ċerti aspetti in vista ta' aġġornamenti li jkun hemm, inkluż fuq livell Ewropew. Pereżempju fl-aħħar jiem sirna nafu li se jkun hemm aspett supplimentari tal-General Data Protection Regulations (GDPR) li daħlu fis-seħħ fl-2018.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta' Karti u nerġa' nsejjaħ lill-Ministru Jonathan Attard.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, inqiegħed fuq l-Mejda tal-Kamra:

> Lista A li tkopri inventarju mill-ġdid wara li saru l-korrezzjonijiet neċessarji, Lista B li tkopri s-sejbiet arkeoloġiċi u Lista C li tkopri siti ġodda tal-inventarju nazzjonali ta' patrimonju kulturali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15670;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar applikazzjonijiet għall-bini, estensjonijiet u bdil fl-użu għal irziezet tan-nagħaġ f'Għawdex bejn Ġunju u Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14980; u

> Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15175;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista li tindika l-progress dwar ir-Rakkomandazzjonijiet tal-GREVIO waqt il-perjodu tat-Tieni Strateġija Nazzjonali (2021 – 2022), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14186;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi r-riżultati tat-testijiet tal-arja għad-diossidu tan-nitroġenu (nitrogen dioxide) f'Għawdex maqsuma skont il-lokalità, li nbdew bejn Jannar u Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14981; u

> Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15178;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15179;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15180;

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar in-numru ta' persuni li attendew fid-Dipartiment tal-Emerġenza maqsuma xahar b'xahar għas-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15244; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tliet mapep li juru r-rotot tat-trasport pubbliku bin-numri 49, 103 u 260, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15354.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont il-paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret aktar kmieni llum, l-Onor. Alex Muscat kien qiegħed jissostitwixxi lill-Onor. Romilda Zarb.

L-Onor. Edward Zammit Lewis.

**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS (President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej):** Sur President, nirrapporta li fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej li ltaqa' fit-22 ta' Jannar 2024 ġew ikkunsidrati għaxar proposti leġiżlattivi għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u rriżulta li kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità. Għaldaqstant inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Lista ta' għaxar proposti leġiżlattivi kkonsidrati għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Nirrapporta wkoll li fl-istess laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I, il-grupp għamel skrutinju u għadda 43 proposta leġiżlattiva u dokumenti oħra maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea u minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

5066. Proposal for a Council Regulation amending Regulation (EU, Euratom) 2020/2093 laying down the multiannual financial framework for the years 2021 to 2027 (COM (2021)569);

5067. Proposal for a Council Decision amending Decision (EU, Euratom) 2020/2053 on the system of own resources of the European Union (COM (2021)570);

5068. Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on the

implementation of the EU Youth Strategy (2019-2021) (COM (2021)636);

5069. Joint Communication to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - A stronger EU engagement for a peaceful, sustainable and prosperous Arctic (JOIN (2021)27);

5070. Joint Communication to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - Responding to state-sponsored instrumentalisation of migrants at the EU external border (JOIN (2021)32);

5071. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council laying down measures for a high common level of cybersecurity at the institutions, bodies, offices and agencies of the Union (COM (2022)122);

5072. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the European Economic and Social Committee on decent work worldwide for a global just transition and a sustainable recovery (COM (2022)66);

5073. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - Conference on the Future of Europe Putting Vision into Concrete Action (COM (2022)404);

5074. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on EAGF expenditure Early Warning System No. 1-3/2022 (COM (2022)225);

5075. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council - Towards more sustainable fishing in the EU: state of play and orientations for 2023 (COM (2022)253);

5076. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Council Regulation (EC) No. 1217/2009 as regards conversion of the Farm Accountancy Data Network into a Farm Sustainability Data Network (COM (2022)296);

5077. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - Upgrading Cohesion policy - Flexible Assistance to territories (FAST - CARE) - to address the consequences of Russian aggression (COM (2022)324); and Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Regulation (EU) No. 1303/2013 and Regulation (EU) 2021/1060 as regards additional flexibility to address the consequences of the military aggression of the Russian Federation FAST (Flexible Assistance for Territories) - CARE (COM (2022)325);

5078. Proposal for a Council Implementing Decision authorising Denmark to apply a reduced rate of taxation to electricity directly provided to vessels at berth in a port in accordance with Article 19 of Directive 2003/96/EC (COM (2022)211);

5079. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - An action plan for EU-Ukraine Solidarity Lanes to facilitate Ukraine's agricultural export and bilateral trade with the EU (COM (2022)217);

5080. Proposal for a Council Decision on the position to be taken on behalf of the European Union in the Central Commission for the Navigation on the Rhine on the adoption of the revised Regulation for Rhine Navigation Personnel (RPN) (COM (2022)290);

5081. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on information security in the institutions, bodies, offices and agencies of the Union (COM (2022)119);

5082. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council - Model status agreement as referred to in Regulation (EU) 2019/1896 of the European

Parliament and of the Council of 13 November 2019 on the European Border and Coast Guard and repealing Regulations (EU) No. 1052/2013 and (EU) 2016/1624 (COM (2021)829); and Communication from the Commission to the European Parliament and the Council - Model working arrangement as referred to in Regulation (EU) 2019/1896 of the European Parliament and of the Council of 13 November 2019 on the European Border and Coast Guard and repealing Regulations (EU) No/ 1052/2013 and (EU) 2016/1624 (COM (2021)830);

5083. Proposal for a Council Decision on guidelines for the employment policies of the Member States (COM (2022)241);

5084. Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on the energy performance of buildings (recast) (COM (2021)802);

5085. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council on stepping up the fight against environmental crime (COM (2021)814); and Proposal for a Directive of the European Parliament and of the Council on the protection of the environment through criminal law and replacing Directive 2008/99/EC (COM (2021)851);

5086. Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council amending Regulation (EU) 2021/241 as regards REPowerEU chapters in recovery and resilience plans and amending Regulation (EU) 2021/1060, Regulation (EU) 2021/2115, Directive 2003/87/EC and Decision (EU) 2015/1814 (COM (2022)231);

5088. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the operation of Directive 2011/24/EU on the application of patients' rights in cross-border healthcare (COM (2022)210);

5089. Report from the Commission on the establishment of a substantial change of circumstances for heated tobacco products in line with Directive 2014/40/EU (COM (2022)279);

5090. Report from the Commission to the European Parliament and the Council - Implementation of the third Programme of Union Action in the field of health in 2020 (COM (2022)328);

5091. Recommendation for a Council Decision authorising the opening of negotiations on behalf of the European Union for the conclusion of an international agreement on pandemic preparedness and response as well as for the negotiations of complementary amendments to the International Health Regulations (2005) (COM (2021)766);

5092. Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on the Workplan for Culture 2019 - 2022 (COM (2022)317);

5093. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions: The New European Bauhaus Beautiful, Sustainable, Together. (COM (2021)573);

5094. Joint Report to the European Parliament and the Council - Macao Special Administrative Region: Annual Report for 2021 (JOIN (2022)15);

5095. Joint Report to the European Parliament and the Council - Hong Kong Special Administrative Region: Annual Report for 2021 (JOIN (2022)16);

5096. Communication from the Commission to the Council and the European Parliament – Sixth Annual Report on the Facility for Refugees in Turkey (COM (2022)243);

5097. Communication from the Commission to the Council - Financial information on the European Development Fund - European Development Fund (EDF): Financial execution 2021 and forecasts for 2022-2025 (COM (2022) 264);

5098. Communication from the Commission to the European Parliament and the Council – 2022 Strategic Foresight report – Twinning

the green and digital transitions in the new geopolitical context (COM (2022)289);

5099. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the Court of Auditors – Annual accounts of the European Development Fund 2021 (COM (2022)321);

5100. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council - Commission Opinion on Georgia's application for membership of the European Union (COM (2022)405);

5101. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council: Commission Opinion on the Republic of Moldova's application for membership of the EU (COM (2022)406);

5102. Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council and the Council - Commission Opinion on Ukraine's application for membership of the European Union (COM (2022)407);

5103. Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions - The power of trade partnerships: together for green and just economic growth (COM (2022)409);

5105. Report from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on Implementation and Enforcement of EU Trade Agreements (COM (2021)654);

5106. Proposal for a Council Decision on the signing, on behalf of the Union, of the Voluntary Partnership Agreement between the European Union and the Co-operative Republic of Guyana on forest law enforcement, governance and trade in timber products to the European Union (COM (2022) 199); and Proposal for a Council Decision on the conclusion of the Voluntary Partnership Agreement between the European Union and the Co-operative Republic of Guyana on forest law enforcement, governance and trade in timber products to the European Union (COM (2022)200);

5107. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on EAGF expenditure - Early Warning System No. 4-6/2022 (COM (2022) 368);

5108. Proposal for a Council Regulation fixing the fishing opportunities for certain fish stocks and groups of fish stocks applicable in the Baltic Sea for 2023 and amending Regulation (EU) 2022/109 as regards certain fishing opportunities in other waters (COM (2022) 415);

5109. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the use of nanomaterials in cosmetics and on the review of Regulation (EC) No. 1223/2009 on cosmetic products as regards nanomaterials (COM (2021)403); u

5110. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the exercise of the power to adopt delegated acts conferred to the Commission pursuant to Regulation (EU) 2017/852 on mercury (COM (2021)488).

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA'LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 8)

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 8) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8).

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, ninforma lill-Kamra li ntlaħaq qbil li d-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) – Abbozz Nru 77 – tkun tkopri u teżawrixxi wkoll id-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) – Abbozz Nru 78 – li jidher bħala t-tieni item fuq l-aġenda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nikkonferma dan il-qbil.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, kif ġie verbalizzat qegħdin niddiskutu l-Abbozzi ta' Liġi numri 77 u 78. Dawn huma żewġ Abbozzi ta' Liġi li jkomplu jemendaw il-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u jipprovdu għal materji li huma anċillari għalihom.

Hawnhekk għandna Abbozz ta' Liġi importanti dwar suġġett sensittiv, liema suġġett bħala Gvern aħna ma niddejqux, u lanqas nibżgħu, nittrattaw. Aħna nemmnu b'konvinzjoni li huwa obbligu tagħna li niġu hawnhekk biex naġġornaw il-liġijiet tagħna anke dwar aspetti marbuta ma' reati daqstant sensittivi. Lil hinn mir-rwoli tagħna f'din l-ogħla istituzzjoni, aħna wkoll nies li ċertament nistmerru l-atteġġjament totalment inaċċettabbli ta' adulti irresponsabbli li jabbużaw mill-vulnerabilità ta' persuni oħra, b'mod speċjali dawk minorenni.

Bħala grupp magħqud u li verament qiegħed jiffunzjona taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Robert Abela assistejna għal investiment bla preċedent fis-settur tal-iżvilupp ta' uliedna, fuq l-aspett edukattiv, għax nemmnu li t-tfal tagħna għandu jkollhom opportunità ugwali biex jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom mingħajr ebda xkiel, aħseb u ara kemm għandhom jitħallew jiġu b'xi mod jew ieħor suġġetti għal abbuż!

Aħna nemmnu f'soċjetà li hija ġusta u għalhekk irridu naħdmu iktar minn qatt qabel biex f'dawn ir-realtajiet li ngħixu fihom, f'dinja li qed tevolvi b'ritmu mgħaġġel, kemm jista' jkun jirnexxilna ninterċettaw lil dawn it-tfal vulnerabbli li qegħdin jispiċċaw vittmi f'dan l-avvanz minn persuni li ċertament għandhom kollox minbarra intenzjonijiet tajba. L-għan ta' dan l-Abbozz huwa li jittrasponi Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u pedopornografija, u li tissostitwixxi d-deċiżjoni li kienet ittieħdet preċedentement fl-2004.

Għalina huwa importanti li tfal vittmi f'dan il-proċess ikunu jistgħu jersqu u jfittxu l-għajnuna, anke jekk nafu li ħafna drabi din hija l-iktar fażi diffiċli. Qegħdin nipproponu emendi li jkomplu jipprovdu għall-protezzjoni ta' vittmi minuri ta' reat sesswali, inkluż permezz tan-nuqqas ta' prosekuzzjoni jew l-eżenzjoni mill-piena ta' vittmi li huma minuri għal atti li kienu mġiegħla jwettqu fil-kuntest ta' reati sesswali u prostituzzjoni tat-tfal. L-għan huwa li nipprovdu protezzjoni akbar lil xhieda vulnerabbli meta jaslu biex jagħmlu dikjarazzjonijiet mal-forzi tal-ordni, jiġifieri mal-Pulizija, jew xhieda f'qorti ta' ġudikatura kriminali.

Sur President, f'Lulju tal-2019 il-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lil Malta li kien hemm bżonn li nkomplu nsaħħu t-traspożizzjoni ta' diversi artikoli, fosthom l-artikolu 10(3), l-artikolu 14 u anke l-artikolu 20(4) tal-istess Direttiva. Saret it-tweġiba min-naħa ta' Malta u fil-komunikazzjoni li segwiet mill-Kummissjoni, li saret fi Frar tal-2023, ġie nnotat li għalkemm it-traspożizzjoni tal-istess artikoli msemmija qabel kienet saret, xorta kien hemm lok li tingħata aktar ċarezza fid-

dispożizzjonijiet hekk kif emendati fil-Kodiċi tagħna.

Xi jgħidu dawn l-artikoli, Sur President? Jien se nikkwota minnhom biex nagħti kuntest għal kif wasalna għal dawn l-emendi. Fl-artikolu 14 jingħad li:

> "Member States shall in accordance with the basic principles of their legal systems take the necessary measures to ensure that competent national authorities are entitled not to prosecute or impose penalties on child victims of sexual abuse and sexual exploitation for their involvement in criminal activities which they have been compelled to commit as a direct consequence of being subjected to any of the acts referred to in Article 4(2), (3), (5) and (6) and in Article 5(6)."

Il-Kummissjoni sostniet li l-punt prinċipali ta' dan l-artikolu huwa li t-tfal vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali li kienu mġegħlin iwettqu reat proprju minħabba li jkunu vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal jew reati ta' sfruttament, għandhom ikunu eżentati mill-prosekuzzjoni. Issa l-artikolu 433 tal-Kodiċi Kriminali jippermetti lill-Avukat Ġenerali, bħala l-prosekutur ewlieni tal-pajjiż, li jordna l-ħelsien tal-akkużat jew li anke jirtira l-att ta' akkuża diġà mressaq jekk ikun tal-fehma li m'hemmx raġunijiet biżżejjed għall-preżentata ta' akkuża kontra l-akkużat.

Madankollu dan mhuwiex il-każ ta' nuqqas ta' raġunijiet suffiċjenti; anzi jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn ikunu jeżistu biżżejjed raġunijiet. Allura min-naħa tagħha l-Kummissjoni rrimarkat li l-liġi għandha tipprovdi *oltre* mill-eżenzjoni ġenerali stabbilita fl-artikolu 33(b), u sostniet li tista' tintuża biss fejn ikun possibbli li tiġi aċċertata l-eżistenza ta' forza esterna li t-tifel jew it-tifla ma setgħux jirreżistu. Dan kien l-eżempju li kien ingħata u nikkwota:

> "A child exploited for the purpose of prostitution would not incur criminal responsibility for loitering for the purpose of prostitution even if he or she was in a position to resist doing so by asking for help from an available and trusted parent or guardian or turning to the police."

Bil-liġi tagħna, anke fl-istess xenarju l-Avukat Ġenerali jkun sfurzat li jibda l-prosekuzzjoni kontra t-tifel u t-tifla u proprju għalhekk wasalna għal dawn l-emendi li, kif tgħid il-Kummissjoni, jagħtu aktar kjarezza.

Min-naħa l-oħra mbagħad l-artikolu 37(1) tal-Kodiċi Kriminali jassigura li minuri taħt is-16-il sena jkunu eżentati mir-responsabbiltà kriminali jekk l-att jew ommissjoni jkunu saru mingħajr ebda intenzjoni ħażina. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet imħassba li għal minorenni ta' bejn is-16 u 18-il sena l-Avukat Ġenerali m'għandux id-diskrezzjoni li ma jibdiex prosekuzzjoni meta dawn ikunu ġew imġiegħla jwettqu reat bħala konsegwenza diretta li jkunu ġew suġġetti għal xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 4(2), (3), (5) u (6) u anke fl-artikolu 5(6) tad-Direttiva. Irrid ngħid li dan huwa irrispettivament mill-eżistenza ta' forza esterna li ma setgħetx tirreżisti.

Imbagħad artikolu 20(4) tad-Direttiva jgħid hekk:

> "Member States shall take the necessary measures to ensure that in criminal investigations of any of the offences referred to in Articles 3 to 7 all interviews with the child victim or, where appropriate, with a child witness, may be audio-visually recorded and that such audio-visually recorded interviews may be used as evidence in criminal court proceedings, in accordance with the rules under their national law."

Dan l-artikolu jiżgura li l-intervisti kollha mal-vittmi minuri jew, fejn xieraq, ma' xhud li jkun minorenni f'reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 tal-istess Direttiva jistgħu jiġu reġistrati b'mod awdjoviżiv u dawn l-intervisti rekordjati jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza f'każijiet kriminali, proċedimenti fil-qorti, u quddiem kwalunkwe qorti rilevanti.

Hawnhekk qed naraw l-intervent li qed isir biex kemm jista' jkun tiġi indirizzata din l-esperjenza kerha għall-aħħar għal dawk kollha li jkunu involuti fiha, kemm jekk huma vittmi u kemm jekk huma xhieda minorenni. Għaldaqstant din id-Direttiva tipprovdi li jkun jista' jsir rekordjar ta' xhieda b'tali mod li jnaqqas minn din l-esperjenza skomda tal-minorenni li jkollhom jiġu suġġetti għax-xhieda, interrogazzjoni u kontro-eżamijiet li jkunu neċessarji.

Għal darb'oħra l-Kummissjoni nnotifikat lil Malta li t-traspożizzjoni ta' dan l-artikolu, jiġifieri taħt l-artikolu 391(3) u l-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali u anke l-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, li hu l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), kellha tirrifletti b'aktar ċarezza l-obbligi skont l-artikolu 20(4) tal-istess Direttiva.

Essenzjalment l-artikoli msemmijin qabel fil-Kodiċi Kriminali jaħsbu biss għall-minorenni taħt 16-il sena filwaqt li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 602 huma limitati għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Minorenni fejn l-imputat ikun minorenni jew fir-rigward tal-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni. Il-Kummissjoni rrimarkat li dan ma jiggarantixxix li l-evidenza tista' tiġi reġistrata b'mod awdjoviżiv biex jiġi evitat li jkun hemm bżonn tisma' lill-minuri aktar minn darba.

Dan hu proprju dak li spjegajt, jiġifieri l-fatt li mingħajr dan l-intervent leġiżlattiv ikollok sitwazzjoni fejn dak it-tifel jew tifla minuri jkun mitlub li jinstema' f'iktar minn okkażjoni waħda. Il-Kummissjoni osservat li t-traspożizzjoni ma tiżgurax din il-protezzjoni li kienet intenzjonata u issa qed nagħmlu dawn l-emendi biex nassiguraw li mhux biss minorenni taħt is-16-il sena imma anke dawk taħt it-18-il sena jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-provvedimenti leġiżlattivi meħtieġa mill-istess Direttiva li qed nirreferi għaliha.

Għal dan il-għan qed ikunu proposti emendi fil-Kodiċi Kriminali u se jkun qed jiżdied proviso mal-artikolu 21 fejn hemm id-diskrezzjoni biex tiġi applikata piena iżgħar fir-rigward tar-reati taħt l-artikoli 204A u 204B, 208 u 208A jew 208Ċ meta r-reati jitwettqu minn minuri. F'każijiet bħal dawn, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma timponix piena.

Qed jiżdied ukoll l-artikolu ġdid 209AA biex jipprovdi għan-nuqqas ta' prosekuzzjoni jew eżenzjoni mill-piena tat-tifel vittma.

Għandek ukoll subartikolu ġdid taħt l-artikolu 346 f'dak li għandu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-Pulizija li jipprovdu għar-reġistrazzjoni awdjoviżiva li tkun imbagħad ammissibbli bħala prova f'kull proċess quddiem il-Qorti tal-Ġudikatura Kriminali meta jkollok vittma jew xhud minorenni vulnerabbli li jkun qed jiġi intervistat mill-Pulizija.

Qed nipproponu wkoll emenda konsegwenzjali għall-artikolu 347A biex tilqa' għall-bidliet li saru fl-artikolu ta' qabel.

Sur President, se jiġi emendat ukoll l-artikolu 391(3) marbut ma' eżami tax-xhieda biex dan ikun jirreferi wkoll għall-minorenni ta' taħt it-18-il sena. Barra minn hekk, l-emenda għall-artikolu 646 għandha tipprovdi għall-inklużjoni tal-minorenni taħt 18-il sena, u dan b'differenza għal kif inhi s-sitwazzjoni llum, jiġifieri għall-minorenni sa taħt is-16-il sena. Issa qed nassiguraw li l-minorenni kollha taħt it-18-il sena jkunu inklużi.

Qed ngħidu wkoll li r-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi ta' intervisti u dikjarazzjonijiet ta' vittma minuri ta' reat sesswali jew ta' kwalunkwe vittma jew xhud vulnerabbli jkunu ammissibbli bħala evidenza. Jistgħu wkoll jagħtu xhieda permezz ta' video-conferencing li għandha tiġi reġistrata wkoll.

Hemm ukoll emendi għall-Att dwar il-Pulizija. Qed nemendaw l-artikolu 55 ta' dan l-Att fejn jidħol l-aspett tas-smigħ tax-xhieda li huma vulnerabbli permezz ta' video-conferencing biex jikkonforma mal-emendi li qed isiru fil-Kodiċi Kriminali kif għadni kif semmejt.

Dawn huma emendi li jkomplu jikkonfermaw kemm bħala Parlament u kemm bħala Gvern irridu nkomplu noffru kull għajnuna lit-tfal tagħna u mhux il-kuntrarju. Għal darb'oħra qegħdin nagħtu l-għodod neċessarji kollha għax nemmnu f'ġustizzja effiċjenti u effettiva li permezz tagħha nistgħu nkomplu nibnu soċjetà aktar ġusta li tipproteġi lill-vulnerabbli fi ħdanha.

Sur President, niġi issa għall-Abbozz Nru 78, li jipprovdi kjarifika u ċertezza dwar min jista' jservi bħala ġurat fil-qrati ta' pajjiżna. Dan l-Abbozz jirrifletti kemm bħala Gvern nieħdu bis-serjetà l-proċess parlamentari. Irrid ngħid li kien hemm senjalazzjonijiet li saru min-naħa l-oħra tal-Kamra proprju fil-ħin tal-Mistoqsijiet marbuta mad-diskrepanza li hemm bejn it-test Malti u dak Ingliż dwar min għandu jservi ta' ġurat. Apparti s-senjalazzjonijiet li saru f'din il-Kamra, kien hemm oħrajn li waslulna anke minħabba l-fatt li saru numru sostanzjali ta' ġurijiet. Il-ħsieb huwa li nkomplu nsostnu dan ir-ritmu bl-investiment li qed nagħmlu mhux biss fil-korp tal-ġudikatura, li nsellmilhom minn hawn għall-ħidma tagħhom, imma wkoll bl-

investiment li qed nagħmlu f'diversi aspetti, inkluż infrastrutturali.

Il-ħidma ilha li bdiet mis-sena li għaddiet imma din is-sena se jkollna awla oħra tal-ġurijiet biex naċċertaw ruħna li jkun hemm l-infrastruttura fiżika neċessarja li tippermetti li nkomplu nassiguraw li l-lista ta' ġurijiet li huma appuntati jsiru. Qed nirreferi għall-ġurijiet li huma appuntati, għaliex ħafna drabi nikkwotaw ċifri ta' ġurijiet li mhux neċessarjament ikun possibbli li jsiru. Tingħata impressjoni li hemm numru kbir ta' ġurijiet jistennew, imma l-verità hi li ftit huma f'kondizzjoni li jistgħu jiġu appuntati. Jien irrid li dawk li huma possibbli li jsiru, isiru u mhux ma jsirux minħabba nuqqas ta' infrastruttura. Proprju dan kien l-iskop li nimmassimizzaw l-użu tal-binja tal-qorti. Kif kelli l-okkażjoni nispjega, ġuri minnu nnifsu jirrikjedi neċessitajiet differenti minn kwalunkwe awla fil-qrati tagħna. Għaldaqstant qed nimmassimizzaw dak li diġà għandna fil-binja prinċipali tal-qorti billi noħolqu awla oħra adegwata għall-ġurijiet bl-iskop li nindirizzaw din is-sitwazzjoni.

Kif għedt aktar kmieni, din l-emenda tittratta diskrepanza li hemm fit-test tal-liġi bejn il-verżjoni Maltija u dik Ingliża. Il-verżjoni bl-Ingliż tipprospetta l-possibbiltà li l-għalliema jiġu eżentati. Aħna qegħdin nagħmlu din l-emenda b'konvinzjoni għaliex nagħrfu u nirrikonoxxu li l-għalliema huma fost l-iktar membri importanti tas-soċjetà tagħna. Huma mhux biss jgħaddu l-għarfien tagħhom lil uliedna imma jagħtuhom ukoll skop u jispiraw fihom xewqa biex jagħmlu tajjeb u jkunu suċċess f'ħajjithom, u għalhekk qegħdin nassiguraw li ma jkunx hemm ambigwità fil-liġi tagħna li toħloq ċerta skumdità billi l-għalliema jkollhom joqogħdu jagħmlu rikors biex jiġu eżentati minn ġurati. It-test bl-Ingliż jgħid li l-għalliema jiġu eżentati milli jservu u fil-fehma tagħna, dan jirrifletti l-intenzjoni li dejjem kellu l-leġiżlatur f'pajjiżna meta daħħal il-liġi. It-test bil-Malti kif inhu llum jaqra hekk:

> "(1) Huma meħlusin milli jservu ta' ġurati -
>
> Il-Membri tal-Kamra tad-Deputati, sindki u segretarji eżekuttivi tal-kunsilli lokali, l-imħallfin, il-konsli onorarji, is-saċerdoti, membri tal-Forzi Armati ta' Malta, il-persuni li għandhom il-kariga ta' kapijiet ta' dipartimenti tal-Gvern u d-deputati tagħhom, il-maġistrati, ir-Reġistratur tal-Qrati, l-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva, il-professuri u l-għalliema full-time tal-Università, is-surmastrijiet tal-iskejjel sekondarji, primarji u tekniċi, l-Uffiċjali Mediċi tad-Distretti, l-ispetturi tas-saħħa, l-Uffiċjal Prinċipali u l-Uffiċjali tal-Probation u kull persuna oħra ta' kull xorta skont ma l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', minn żmien għal żmien, jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta.".

Mill-banda l-oħra, imbagħad, fit-test Ingliż, li mhux se niċċitah kollu, insibu "teachers of secondary, primary and technical schools" u mhux surmastrijiet biss. Dik hija d-diskrepanza li teżisti bejn it-test bil-Malti u dak bl-Ingliż. Għalhekk qed tiġi proposta emenda li hija pjuttost minima biex it-testi bil-Malti u bl-Ingliż jiġu fl-istess linja billi fit-test Malti jiżdied il-kliem "u l-għalliema" mentri fl-abbozz bil-lingwa Ingliża jiġu miżjuda l-kliem "headmasters and teachers". Dan se jkun qed ikopri l-inkonsistenza u jiċċara li kemm għalliema u kemm surmastrijiet huma eżentati milli jservu bħala ġurati.

Irrid niċċara, kif anke kelli l-okkażjoni nispjega f'dibattitu li kellna ftit taż-żmien ilu f'dan il-Parlament, li kieku s-sitwazzjoni kienet fl-invers forsi ma kienx ikun neċessarju li nagħmlu dan l-intervent leġiżlattiv fil-Parlament, għax skont il-liġi huwa t-test tal-Malti li jipprevali. Imma ġaladarba jidher li l-intenzjoni tal-leġiżlatur hija iktar riflessa fit-test bl-Ingliż, ikollu jsir dan l-intervent. Fl-Att dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji hemm ipprovdut li jekk ikun hemm xi kunflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' xi edizzjoni riveduta, it-test Malti għandu jipprevali bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi statutorja partikolari. Dan mhuwiex il-każ f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Din is-sitwazzjoni ma kenitx minn dejjem f'pajjiżna. Irridu niftakru li aħna konna kolonja Ingliża u hemm anke sentenzi, inkluż tal-Imħallef Tonio Mallia, li juru li fil-passat is-sitwazzjoni kienet bl-invers u kien it-test Ingliż li jipprevali fuq il-Malti. Ovvjament, grazzi għall-iżvilupp politiku kif ukoll l-iżvilupp legali ta' pajjiżna, is-sitwazzjoni llum hija totalment differenti u huwa t-test Malti li jipprevali fuq it-test Ingliż. Imma mbagħad ikollok ċirkostanzi li jwassluna biex nagħmlu interventi leġiżlattivi ta' dan it-tip li forsi huma minimi, imma naċċertakom li huma sinifikanti għall-inkonvenjent li jinħoloq għal numru ta' għalliema.

B'din l-emenda li qegħdin niddiskutu f'dan l-Abbozz issa se ndaħħlu ċ-ċertezza u fuq kollox nikkjarifikaw interpretazzjoni tal-liġi dwar min hu legalment eżentat milli jservi bħala ġurat. Ċertament hemm nies fi professjonijiet oħra li qed isegwu li jgħidulek li anke huma għandhom ikunu eżenti milli jservu f'ġurijiet. Hija realtà li dan huwa servizz importanti f'kull soċjetà fejn tirrenja s-saltna tad-dritt, u naħseb kull diskussjoni dwar min għandu jkun eżentat għandha tittieħed b'ċerta attenzjoni u kawtela. Mill-banda l-oħra, quddiem din is-sitwazzjoni kien pjuttost evidenti li l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jeżenta lill-għalliema kienet waħda ċara għall-aħħar u ħassejna li kellna naqbdu u nipproċedu biex nindirizzaw din id-diskrepanza.

Kif qed nitkellmu dwar is-suġġett tal-ġurijiet, forsi tajjeb nagħti sfond telegrafiku ta' kif taħdem is-sistema. Il-probabbiltà hi li kulħadd jaf lil xi ħadd jew ikollu qarib tiegħu li kien mgħajjat biex iservi ta' ġurat. Dan ikollok madwar 8,000 persuna li jistgħu jintalbu jservu ta' ġurati għax isimhom jidher f'waħda minn żewġ listi, waħda għall-ġurijiet bil-Malti u l-oħra għall-ġurijiet bl-Ingliż. Dawn il-listi jitfasslu minn bord kompost li jinkludi maġistrat anzjan, l-Avukat Ġenerali jew rappreżentant tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-President tal-Kamra tal-Avukati, il-President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali u r-Reġistratur tal-Qorti.

Il-listi jiġu aġġornati kull sena biex jitneħħew persuni li sfortunatament ikunu ġew nieqsa jew jagħlqu 65 sena u minflokhom jiddaħħlu persuni oħra. Kull lista tinkludi ġurati ordinarji li qatt ma jkunu servew qabel u l-primi ġurati li jkunu diġà servew f'dan ir-rwol mill-inqas darba oħra bħala ġurati, u għalhekk ikollhom esperjenza dwar il-proċess. Imbagħad hemm sistema li hija kompjuterizzata li mil-lista tagħżel dawk il-250 persuna li jissejħu l-Qorti fil-bidu tal-ġuri b'ċans li mbagħad jintgħażlu bħala ġurati.

Aktar kmieni tajt spjegazzjoni ta' x'ħidma qed issir biex ikollna aktar investiment f'dan is-settur biex kemm jista' jkun inkomplu naraw ritmu tajjeb ta' ġurijiet li jseħħu għaliex il-pubbliku inġenerali jrid jara l-ġustizzja sseħħ u sseħħ b'mod effiċjenti. Irrid ukoll nirreferi għar-riforma li qed tiġi diskussa permezz ta' konsultazzjoni pubblika dwar aspett importanti ħafna marbut mal-ġurijiet. Aħna nafu li fil-każ ta' reati li jġorru piena ta' għomor il-ħabs f'pajjiżna l-akkużat m'għandux għażla jekk imurx f'ġuri mingħajr ġurati jew le. Hemm numru sostanzjali ta' ġurijiet marbuta mar-reat ta' traffikar tad-droga li f'pajjiżna kien u għadu, u b'din ir-riforma se jibqa', iġorr piena massima ta' għomor il-ħabs. Iżda minkejja li dan ir-reat se jibqa' jġorr il-piena ta' massimu ta' għomor il-ħabs, xorta waħda se jkun hemm din il-possibbiltà li l-akkużat jista' jiddeċiedi jekk imurx għal ġuri mingħajr ġurati jew le. Nemmnu li dan huwa pass importanti anke mill-aspett ta' effiċjenza tal-proċeduri.

Meta nitkellmu dwar l-effiċjenza fil-proċeduri kriminali ma nkunux qed nitkellmu dwar effiċjenza li hija favur parti jew oħra, imma l-effiċjenza hija fl-interess ta' kulħadd, inkluż tal-vittmi tal-kriminalità u tas-soċjetà inġenerali li ġustament tappella biex il-ġustizzja sseħħ fi żmien raġonevoli.

Sur President, nemmen li dan huwa Abbozz ta' Liġi ieħor li se jkompli joffri aktar kjarezza anke jekk b'emenda minima, però naċċertakom li hi sinifikanti u mistennija mill-professjoni tal-għalliema f'pajjiżna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Karol Aquilina.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, irrid niddikjara mill-ewwel li l-Oppożizzjoni taqbel ma' dawn iż-żewġ Abbozzi ta' Liġi li għandna quddiemna llum. M'hemm l-ebda kontroversja dwarhom, u fil-fatt iż-żewġ naħat tal-Kamra qbilna li dawn ngħadduhom minn din il-Kamra kemm jista' jkun malajr. Hawn qed nitkellmu wkoll b'mod ġenerali anke dwar sitwazzjonijiet li qegħdin jiġru, u allura jkun tajjeb li nużaw dan il-ħin biex nispjegaw x'qegħdin nagħmlu imma wkoll nitkellmu forsi dwar sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu. L-iktar li se nitkellem huwa fuq l-Abbozz Nru 77, imbagħad il-kollega tiegħi l-Onor. Graziella Attard Previ se titkellem fuq l-Abbozz Nru 78.

Inġibdet l-attenzjoni diversi drabi li hemm din id-diskrepanza bejn it-test bil-Malti u t-test bl-Ingliż. Saħansitra anke l-Onor. Rebekah Borg għamlet mistoqsija parlamentari lill-Ministru proprju biex jitressaq dan l-abbozz ta' liġi u allura rridu napprezzaw il-fatt li issa fl-aħħar għandna emenda li qiegħda titressaq biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni li nġibdet l-attenzjoni dwarha diversi drabi. Aħna fil-pajjiż għandna s-sistema tal-ġurija bil-ġurati, sistema li tawhielna l-Ingliżi u li għandha ħafna vantaġġi. Għandna sistema li

f'każijiet ta' reati kbar, ikunu n-nies, iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li jagħtu l-ġudizzju tagħhom fuq il-fatt, mhux fuq il-liġi.

Jien għandi x-xorti li meta bdejt naħdem bħala avukat, fl-ewwel xhur inqbadt ġurat. Issa dak iż-żmien kien hemm kontroversja dwar kif wieħed jispiċċa fil-lista tal-ġurati, tant li l-mod kif issir il-lista spiċċa mertu ta' kawża anke fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kien hemm persuna li bir-raġun bdiet tgħid li din is-sistema hija diskriminatorja kontra kategorija ta' persuni għaliex dik il-kategorija ta' persuni – u prattikament kien qed jgħid għall-irġiel iktar milli għan-nisa – ikunu aktar ġurati milli jkunu n-nisa u ladarba tidħol fil-lista inti tibqa' fil-lista għal ħajtek kollha. Kull tant żmien il-persuna li tkun fil-lista tispiċċa mħarrka bħala ġurat.

Jien malli dħalt fil-lista nqbadt mill-ewwel bħala ġurat. Dak iż-żmien inti kont tispiċċa fil-lista għax kien ikun jafek l-ispettur tal-għassa tal-lokalità u jniżżlek fil-lista. Illum neskludi li għadu jsir hekk. Infatti jien għadni mniżżel fil-lista tal-ġurati bħala student għax 20 sena ilu kont student. Dik inbidlet imbagħad biż-żmien u llum hemm lista ħafna iktar wiesgħa. Naturalment hemm ċerta attenzjoni wkoll dwar min jintgħażel, però hemm lista li hija pubblika u tiġi ppubblikata b'mod regolari fil-Gazzetta tal-Gvern.

Sur President, huwa tajjeb li għandna din is-sistema, però fl-opinjoni tiegħi din jeħtieġ li tiġi msaħħa. Mill-esperjenza tiegħi ta' ġurat naf li fl-ewwel ġurnata tiġi ffaċċjat b'sitwazzjoni fejn trid tipprova tifhem x'se jiġri f'dan il-ġuri. Hemm ċerti affarijiet li titgħallimhom dak il-ħin għax ikunu ġodda għalik. Jekk kien diffiċli għalija li nservi bħala ġurat meta kont avukat għadni niggradwa, aktarx kien iktar diffiċli għal min kien ċittadin ordinarju bla ebda sfond legali li jrid jiffaċċja sitwazzjoni fejn irid jiddeċiedi dwar ħajja ta' persuna.

Is-sistema tinvolvi li meta jkun se jsir ġuri jinħarġu ħafna taħrikiet lil ammont konsiderevoli ta' nies li jridu jippreżentaw ruħhom il-qorti f'numru ta' ġranet u min jintgħażel jitla' bix-xorti. Jekk inti tirċievi t-taħrika u għandek xi raġuni speċjali minn fost dawk li tgħid il-liġi, pereżempju hemm xi ħadd li jiddependi minnek, għandek familjari tiegħek li trid tikkurahom inti jew għandek xi professjoni li bilfors trid taqdi, jew ċerti sitwazzjonijiet oħra, hemmhekk tista' tiġi eżentat.

Jien almenu nirċievi ħafna talbiet minn nies li jirċievu taħrikiet mill-qorti biex jitilgħu bħala ġurati u jkunu jridu jagħmlu rikors biex jiġu eżentati. Irrid ngħid li l-qorti taħdem tajjeb ħafna f'dan l-aspett; wieħed jippreżenta rikors, iċempel wara ftit jiem u jirċievi r-risposta jekk ġiex eżentat jew le. Jien naħseb li f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari tal-ġurati għandna nesploraw il-possibbiltà li wieħed jista' jagħmel dan ir-rikors mingħajr il-ħtieġa li jmur il-qorti.

Ħafna drabi nisma' sitwazzjonijiet ta' nies li jkollhom diffikultà jsibu avukat u ma jkunux jafu eżatt x'għandhom jagħmlu. Ikollhom sitwazzjonijiet fil-ħajja li jipprekluduhom milli jagħmlu dan u għalhekk jinqabdu fis-sitwazzjoni li ma jistgħux jagħmlu rikors, imbagħad jispiċċaw iridu joqogħdu jitilgħu l-qorti. Għaldaqstant naħseb li wasal iż-żmien li forsi l-Ministru jikkonsidra l-proposta li meta persuna tixtieq li tiġi eżentata milli sservi ta' ġurat, tkun tista' tagħmel sottomissjoni online minflok trid toqgħod tmur il-qorti tippreżenta rikors.

Hawn irrid ngħid li naf li hemm diversi uffiċjali tal-qorti li jgħinu anke lil xi ħadd li m'għandux avukat biex jikteb dak ir-rikors u jippreżentah. Però naħseb li fil-ħajja tal-lum huwa ġustifikat u huwa ġust li dawn it-talbiet isiru b'sempliċi sottomissjoni online. Wara kollox din hija talba li wieħed jagħmel lill-imħallef direttament, mhijiex talba li se jirċievu l-partijiet, la l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża. Ikun l-imħallef li jiddeċiedi fuq dak li qiegħed jingħad lilu, naturalment fil-parametri tal-liġi.

Jien naħseb li nistgħu nissimplifikaw ukoll dan il-proċess biex ma jibqax ikollna ħafna nies li f'uħud miċ-ċirkostanzi jippanikjaw xi ftit għax ikunu rċevew it-taħrika biex iservu ta' ġurat. Nappella lill-Ministru biex forsi jikkonsidra li jagħmel emenda fil-liġi li dawn it-tip ta' talbiet ikunu jistgħu jsiru online direttament lill-imħallef mingħajr il-ħtieġa li persuna toqgħod tmur ir-Reġistru tal-Qorti.

It-tieni punt tiegħi hu dwar kemm hu importanti li min jirċievi taħrika ta' ġurat jeħodha bis-serjetà, jeħodha fi spirtu ta' involviment fis-soċjetà, bħala dmir tiegħu ta' ċittadin li jmur u jservi bħala ġurat. Pajjiżi oħra għandhom ġurijiet anke fis-sistema ċivili. Naraw diversi programmi fuq it-televiżjoni li jkunu jinvolvu qrati Amerikani u anke Ingliżi fejn hemm sistema li anke fiċ-ċivil ikun ġuri li jiddetermina ċerti kwestjonijiet.

Naħseb li fis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha llum m'hemmx apprezzament biżżejjed tar-rwol li għandha s-soċjetà tagħna, li aħna bħala komunità għandna biex inservu ta' ġurati. Huwa veru li huwa inkonvenjent li trid toqgħod tmur u sservi bħala ġurat, inkluż li tisma' affarijiet li forsi qatt ma ħlomt li tisma', jew li tispiċċa tisma' affarijiet li forsi jdejquk, imma jekk irridu li l-ġustizzja sseħħ – u l-ġustizzja tagħna hija bbażata wkoll fuq dan il-kunċett ta' ġurija – huwa importanti li n-nies ma jaħarbux minn din ir-responsabbiltà u minn dan l-obbligu.

Nappella biex ngħożżu din is-sistema li għandna. Din hija sistema li ħadmet. Mhijiex sistema perfetta imma hija sistema li tirrifletti iktar il-ġustizzja fis-soċjetà tagħna. Allura meta wieħed jirċievi taħrika ta' ġurat m'għandux jagħmel l-impossibbli biex jevita li jservi ta' ġurat. Jekk għandu raġunijiet speċjali milli jservi ta' ġurat iva, għandu jitlob lill-qorti li jiġi eżentat, imma l-bqija m'għandux jipprova jaħrab minn dak l-obbligu tiegħu.

Sur President, naturalment dejjem tqum il-kontroversja dwar kemm huma ppreparati l-persuni li jkunu hemm biex iservu f'ġurija. Matul is-snin kien hemm diversi okkażjonijiet fejn qamet din il-kwestjoni ta' xi preparazzjoni qed tingħata lill-persuni li jservu bħala ġurati. Illum ma tingħata l-ebda preparazzjoni. Inti tmur tippreżenta ruħek u fl-ewwel ftit sigħat tal-ġuri l-imħallef jiggwidak dwar x'għandu jkun ir-rwol tiegħek. Forsi huwa l-każ li din il-kwestjoni tar-rwol ta' kull ċittadin Malti u Għawdxi li jista' jiġi mitlub li jservi ta' ġurat tibda tiġi mgħallma fl-iskejjel ta' pajjiżna. Sal-lum l-uniku mod kif inti ssir taf kif jaħdem ġurat, kif taħdem il-ġurija, kif jaħdem ġuri, huwa jekk tintgħażel ġurat u l-imħallef jagħtik l-ispjegazzjoni, kif inhu obbligat li jagħmel, u kif ukoll jagħmlu d-difiża u l-prosekuzzjoni. Jien qed nagħmel dan is-suġġeriment biex forsi l-Ministru u anke Ministri oħra jeħduh inkonsiderazzjoni, li fil-livell ta' skejjel sekondarji, fost l-affarijiet li jiġu mgħallma, ikun hemm ukoll informazzjoni dwar is-sistema legali ta' pajjiżna u dan ir-rwol partikolari li persuna sservi ta' ġurat.

Din l-esperjenza ta' ġurat ikun hemm min jeħodha biċ-ċajt. Nammetti li ġieli smajt stejjer ta' nies li qishom jeħduha biċ-ċajt. Ikun hemm min jgħidlek qisek dieħel fi Grande Fratello għax se tmur tgħix għal perjodu ta' ftit ġranet ma' persuni oħra u se tkun maqtugħ mill-bqija tas-soċjetà, fis-sens li ma tista' tikkomunika ma' ħadd. Veru li dik hija skumdità, però nista' nassigura lil kulħadd li l-esperjenza tal-ġurati hi li meta jiġu biex jiddeċiedu l-persuna hijiex ħatja jew le, hemmhekk hemm piż li wieħed irid iġorr hu personalment, u juri l-pożizzjoni tiegħu x'inhi fil-konfront ta' dik il-persuna. Inti għandek ħajja ta' bniedem f'idejk, fis-sens li qed tiddeċiedi jekk hux ħati ta' dak li qed jiġi akkużat bih jew le u jekk għandux jiġi liberat, u għalhekk qed taffettwa l-ħajja ta' persuna b'mod serju. Dawn ma jkunux sitwazzjonijiet sempliċi imma jkunu dwar reati serji.

Dan l-appell u s-suġġeriment li qed nagħmel huwa bil-ħsieb li għandna ngħożżu din is-sistema li għandna u kemm jista' jkun inqajmu kuxjenza dwarha. Bħala ċittadin onest inti obbligat isservi lil pajjiżek. Din hija waħda mill-ftit affarijiet li jitolbok tagħmel il-pajjiż meta inti ċittadin ordinarju, fis-sens li m'għandekx karigi pubbliċi. Għalhekk, naħseb li jkun tajjeb li nikkonsidraw din il-proposta li m'għandix dubju li b'xi mod jew ieħor tista' titwettaq.

Dwar l-Abbozz Nru 78, kif għedt diġà, m'għandix kummenti x'nagħmel, però rrid inqajjem punt importanti li mhuwiex ta' kontroversja politika imma naħseb li f'xi mument fil-ħajja politika jew f'dan il-Parlament irid jerġa' jibda jitqajjem. Qed nirreferi għall-kwestjoni tal-preskrizzjoni. Jien għandi opinjoni pjuttost ċara f'moħħi. Mhijiex kwestjoni li noqgħod ngħidha jew nipprova nimponiha fuq xi ħadd jew nimbottaha żżejjed, però għandna sitwazzjonijiet li naħseb li għandhom jiġu indirizzati. Veru li l-preskrizzjoni qiegħda hemm bħala ordni pubbliku u allura importanti li nżommu magħha, però għandna sitwazzjonijiet li jekk ma noqogħdux attenti, dan l-ordinament tal-preskrizzjoni, minflok jiżgura ġustizzja jwettaq inġustizzja.

Se nsemmi żewġ kategoriji partikolari ta' persuni li jidhirli li għandna nagħmlu reviżjoni ta' meta tibda tgħodd il-preskrizzjoni. Naf li xi snin ilu kien hemm xi emendi, imma fl-opinjoni tiegħi mhumiex biżżejjed u għandna nerġgħu nħarsu lejhom. Iż-żewġ kategoriji ta' persuni li rrid nirreferi għalihom huma l-persuni taħt l-età, jiġifieri l-minorenni, u l-persuni vulnerabbli.

Lin-nies aħna nħeġġuhom jitkellmu dwar affarijiet li saru ħażin anke jekk ikunu għaddew is-snin. Il-messaġġ unanimu f'din il-Kamra hu li

min ikun jaf b'xi ħaġa ħażina li saret, sew jekk hu vittma hu jew xi ħadd li jaf li hu vittma, għandu jitkellem u jgħid x'jaf u ma jafx. Min-naħa l-oħra l-leġiżlatur irid jara li dan l-ordinament tal-preskrizzjoni ma jkunx barriera li minflok tħeġġeġ lin-nies jitkellmu, tħeġġiġhom joqogħdu kwieti.

Irridu nerġgħu nħarsu partikolarment fejn jidħlu t-tfal u fejn jidħlu l-persuni vulnerabbli. Għandna sitwazzjonijiet ta' persuni vulnerabbli u tfal li jkunu ġew abbużati jew inkella għaddew minn ċerti sitwazzjonijiet li snin wara jirrealizzaw li għandhom jitkellmu dwarhom, imma wara li jieħdu parir jirrealizzaw li din il-preskrizzjoni qed tagħlqilhom ħalqhom. Jien qed nagħmel dan l-appell. Mhux bilfors li din issir, imma għandna niddiskutu jekk għandniex bżonn nagħmlu emendi biex il-liġi tagħna tiġi rilevanti għar-realtà tal-lum.

Ftit tas-snin ilu kien inkonċepibbli li xi ħadd li safa abbużat jitkellem apertament u jgħid: Iva, jien meta kont ta' din l-età ġejt abbużat, il-persuna hija t-tali u qed ninsisti li ssir ġustizzja ma' dik il-persuna. Ejja naraw li filwaqt li nżommu s-sistema tagħna tal-preskrizzjoni għax hija importanti li tinżamm, l-istess sistema tiżgura wkoll ġustizzja u li l-ġustizzja ssir fi żmien raġonevoli u f'waqtha. Illum is-soċjetà qiegħda tappella dejjem aktar lil min qiegħed f'sitwazzjoni ta' abbuż, jew lil min sofra sitwazzjoni ta' abbuż anke snin ilu biex jitkellem illum qabel għada, imma mbagħad irridu nkunu ċerti li ma nitfgħulux din il-barriera legali li twaqqfu milli jitkellem.

Sur President, nikkonkludi billi nerġa' ngħid li aħna naqblu ma' dawn iż-żewġ Abbozzi ta' Liġi, li m'hemm l-ebda kontroversja dwarhom u se nkunu qegħdin nivvutaw favur. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, kif smajna qabel mill-Ministru u mill-kollega tan-naħa l-oħra, illum qed nitkellmu dwar żewġ abbozzi ta' liġi. Wieħed minnhom huwa l-Abbozz ta' Liġi Nru 78 li se jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, fir-rigward tal-protezzjoni tal-vittmi tar-reati sesswali. Din hija tema delikata ħafna u aħna f'din il-Kamra rridu nħarsu l-interessi tal-vittmi, speċjalment meta l-vittmi ta' reati sesswali jkunu minuri. Dan qed isir permezz ta' nuqqas ta' prosekuzzjoni jew l-eżenzjoni mill-piena lil vittmi li huma minuri għall-atti li huma jkunu mġiegħla jwettqu fil-kuntest ta' reati sesswali u prostituzzjoni tat-tfal. Se tiġi provduta wkoll protezzjoni akbar lil xhieda vulnerabbli meta dawn jagħmlu dikjarazzjonijiet lill-pulizija jew jagħtu xhieda f'qorti kriminali.

Sur President, waqt żjara parlamentari ltqajna mal-Kummissarju Ewropew Ylva Johansson, li naf bil-ħidma tagħha kontra l-abbuż fuq it-tfal, u tkellimna fit-tul dwar il-ħtieġa li kull stat membru jaħdem bi sħiħ kontra kull forma ta' abbuż. Ilkoll nafu li dan huwa suġġett delikat ħafna. Ikun hemm min jipprova jinqeda bit-tfal u jasal biex iwettaq abbużi moqżieża li jwaħħxuk.

Hawnhekk illum qed nitkellmu dwar direttiva tal-Parlament Ewropew li titkellem dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal. Jien se mmur lura għal Lulju 2019 meta l-Kummissjoni Ewropea kienet innotifikat lil pajjiżna li ma kienx qed jissodisfa l-kriterji bit-traspożizzjoni ta' diversi artikoli. Malta, min-naħa tagħha kienet wieġbet, però l-Kummissjoni reġgħet ikkomunikat lura ma' pajjiżna u qalet li għalkemm l-artikoli ġew trasposti fil-liġi tagħna, fil-fehma tagħha huma trasposti b'mod żbaljat u huwa proprju għalhekk li llum qegħdin hawnhekk.

Il-punt prinċipali tal-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kummissjoni hu li t-tfal vittmi ta' abbuż u sfruttament sesswali li jkunu mġiegħla jwettqu reat minħabba li jkunu vittmi ta' abbuż sesswali jew reati ta' sfruttament għandhom ikunu eżentati mill-prosekuzzjoni. Fil-fatt, l-artikolu 433 tal-Kodiċi Kriminali jippermetti li l-Avukat Ġenerali jordna l-ħelsien tal-akkużat jew inkella jirtira l-att ta' akkuża diġà mressaq jekk huwa tal-fehma li ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed għall-preżentata ta' akkuża kontra l-akkużat. Madankollu mhuwiex il-każ ta' nuqqas ta' raġunijiet suffiċjenti anzi hija ċirkostanza fejn ikunu jeżistu biżżejjed raġunijiet, imma minħabba l-fatt li l-minuri jkun ġie mġiegħel iwettaq ir-reat bħala riżultat tal-abbuż sesswali tiegħu jew reati ta' sfruttament, l-imsemmi minuri għandu jiġi eżentat mill-prosekuzzjoni.

Il-Kummissjoni ma kenitx sodisfatta bl-eżenzjoni ġenerali taħt dan l-artikolu u qalet li din tista' biss tintuża fejn ikun possibbli li tiġi aċċertata l-

eżistenza ta' forza esterna li t-tifel jew tifla ma setgħetx tirreżisti. Jekk wieħed jixtarr il-liġi tagħna, fl-istess xenarju l-Avukat Ġenerali jkun sfurzat li fil-verità jibda l-prosekuzzjoni kontra l-vittma li tkun minuri.

Min-naħa l-oħra l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali jassigura li minuri taħt is-16-il sena jkunu eżentati mir-responsabbiltà kriminali jekk l-att jew l-ommissjoni jkunu saru mingħajr ebda intenzjonijiet ħżiena. Wieħed jinkwieta jekk jaħseb bir-raġunament tal-Kummissjoni. Fil-fatt il-Kummissjoni tħassbet li fil-każ ta' minorenni ta' bejn 16 u 18-il sena, l-Avukat Ġenerali m'għandux id-diskrezzjoni li ma jibdiex il-prosekuzzjoni meta dawn il-minorenni jkunu ġew imġiegħla jwettqu r-reat bħala konsegwenza diretta, u jkunu soġġetti għal wieħed mill-artikoli li proprju jipprovdu li jkollha tibda l-prosekuzzjoni fil-konfront ta' dawn il-minuri.

Hemm imbagħad l-Artikolu 20(4) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li jiżgura li l-intervisti kollha mal-vittmi minuri jew fejn xieraq f'xhieda f'reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 tal-istess Direttiva, it-tfal jistgħu jiġu reġistrati awdjoviżwalment u li tali intervisti rrekordjati jistgħu jintużaw bħala evidenza f'każijiet kriminali, proċediment tal-qorti u quddiem kwalunkwe qorti rilevanti. Hawnhekk għal darb'oħra l-Kummissjoni nnotifikat lil pajjiżna li t-traspożizzjoni ta' dan l-artikolu fil-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, li hu l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), tonqos milli twettaq l-obbligu li jinsab fl-Artikolu 20 tal-istess Direttiva għax l-artikoli msemmija f'dan l-Att jaħsbu biss għal minorenni taħt is-16-il sena. Dan kien ifisser li l-minorenni ta' bejn is-16 u t-18-il sena mhumiex qegħdin jitqiesu.

Dak kien il-ġist li proprju ġibdet l-attenzjoni dwaru l-Kummissjoni u rrimarkat li pajjiżna ma jipprovdix garanzija li l-evidenza tista' tiġi reġistrata awdjoviżwalment biex jiġi evitat li jkun hemm bżonn tisma' lill-minuri aktar minn darba. Il-Kummissjoni osservat li kif saret it-traspożizzjoni ma tiżgurax il-protezzjoni provduta fl-Artikolu 20 tal-istess Direttiva u għaldaqstant l-emendi proposti quddiem din il-Kamra jirriflettu dawn il-ħteġijiet.

Fl-Abbozz ta' Liġi l-ieħor nsibu emendi dwar il-ġurati u b'mod partikolari qegħdin nindirizzaw diskrepanza bejn it-test Malti u t-test Ingliż. Bħalma taf ben tajjeb inti, Sur President, it-test bil-Malti jipprevali fil-liġi Maltija u fil-Qorti Maltija. Madanakollu meta għandek żewġ testi li mhumiex qegħdin jirriflettu l-istess ħaġa, wieħed irid jirranġa l-affarijiet biex dawn jiġu jaqblu. U dan hu li qed tagħmel din il-Kamra. Fil-verżjoni bil-Malti, fil-lista ta' dawk li jistgħu jinqabdu bħala ġurati hemm is-surmastrijiet tal-iskejjel sekondarji, primarji u tekniċi u hemm lista ta' persuni oħrajn li huma eżentati. Min-naħa l-oħra l-istess artikolu fil-verżjoni bl-Ingliż nsibu l-kliem "teachers of the secondary, primary and technical schools."

Hawnhekk qed nitkellmu dwar għalliema tal-primarja, sekondarja u skejjel tekniċi. Qabel ma sirt avukat jien kont ngħallem u naf li mhijiex xi ħaġa faċli li wieħed jinqabad bħala ġurat meta jkollu klassi xi jmexxi għaliex inti trid terħi warajk 25 student jekk tkun tgħallem fil-primarja u mijiet ta' studenti jekk tkun tgħallem fis-sekondarja jew fi skejjel post-sekondarji u tekniċi. Filwaqt li t-test Malti jirreferi għal surmastrijiet, it-test tal-Ingliż jinkludi wkoll għalliema u għalhekk hawn qed titressaq emenda minima biex it-test bil-Malti u dak bl-Ingliż jiġu fl-istess linja billi qed ngħidu li fit-test Malti tiżdied wkoll il-kelma "għalliema". Mill-banda l-oħra fit-test Ingliż se nżidu l-kelma "headmasters" u b'hekk nirrimedjaw l-inkonsistenza li hemm bejn iż-żewġ testi.

Sur President, ippermettili nispjega ftit kif tintgħażel persuna biex isservi bħala ġurat. Jekk wieħed jara l-liġi u proprju kif jispjegaw ħafna letturi fl-Università, kapijiet ta' skejjel, pulizija, tobba u infermiera huma fost dawk il-ftit professjonisti li huma eżentati biex iservu bħala ġurati. Fil-fatt, madwar 8,000 persuna jistgħu jintalbu sabiex iservu ta' ġurati u isimhom ikun jidher f'dawk li nsejħulhom listi. Dawn jintalbu jservu ta' ġurati għaliex isimhom jidher f'waħda minn żewġ listi, waħda għall-ġurijiet bil-Malti u oħra għall-ġurijiet bl-Ingliż. Dawn il-listi jitfasslu minn bord kompost minn maġistrat anzjan, l-Avukat Ġenerali jew rappreżentant tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu, il-President tal-Kamra tal-Avukati, il-President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali u r-Reġistratur tal-Qorti.

Il-lista hija aġġornata kull sena biex jitneħħew persuni li forsi m'għadhomx magħna jew inkella għalqu l-età ta' 65 sena. Dan huwa rwol importanti ħafna u delikat ħafna għax min hu f'dan l-irwol idaħħal u jneħħi persuni minn fuq

dawn il-listi. Kull lista tinkludi ġurati ordinarji li qatt ma jkunu servew u l-primi ġurati li jkunu diġà servew f'dan ir-rwol għall-inqas darb'oħra bħala ġurati u għalhekk ikollhom esperjenza dwar il-proċess. Jekk wieħed ikollu l-okkażjoni li jidħol fl-awla u jisma' lill-imħallef jispjega l-proċess lill-ġurati ta' kif se jkun qed jimxi l-ġuri jinduna li huwa interessanti immens.

Tajjeb li ngħidu li hija sistema kompjuterizzata li tagħżel mal-250 persuna mil-listi biex jissejħu l-qorti fil-bidu ta' ġuri b'ċans li jintgħażlu bħala ġurati. Issa jien naf li hemm ħafna li jieħdu qatgħa meta jiġu mgħajta bħala ġurati. Dakinhar tibda tara ħafna eċitament fil-kurituri tal-qorti qabel ma jidħlu fis-seduta biex jaraw jekk intgħażlux bħala ġurati jew le. Dawn l-emozzjonijiet wieħed jifhimhom għaliex wieħed jibda jara ċ-ċirkostanzi tiegħu d-dar u x'se jħalli d-dar, kif se jlaħħaq u x'se jagħmel minħabba x-xogħol. Però r-realtà hi li din hija funzjoni importanti ħafna; hemm proċess rigoruż u l-ġurat għandu rwol importanti. Il-ġurati jisimgħu x-xhieda kollha u jeżaminaw bir-reqqa dak ippreżentat u dak li jkun intqal quddiemhom mix-xhieda. Ir-rwol tal-ġurati jwassal sabiex jingħata verdett ta' ħtija jew le fil-konfront tal-akkużat. Fil-każ ta' din l-emenda li titkellem dwar il-ġurati qegħdin naraw li ż-żewġ testi, dak tal-Malti u tal-Ingliż, ikunu jirriflettu l-istess ħaġa.

Sur President, barra dawn l-emendi llum qed niddiskutu wkoll Abbozz ta' Liġi li jirrigwarda l-ħarsien tal-interessi tat-tfal vittmi mill-abbuż sesswali. B'idi fuq il-kuxjenza nemmen li rridu verament inkomplu naħdmu kontra kull tip ta' abbuż fil-konfront tat-tfal, speċjalment meta jkun abbuż sesswali, meta jkollok affiljazzjonijiet ta' pornografija u meta jiġu użati t-tfal b'mod deliberat għal skopijiet ħżiena. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, f'dawn il-ftit minuti li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi se nitkellem dwar l-Abbozz Nru 78 li permezz tiegħu vittmi ta' reati sesswali li huma minuri jiġu protetti billi jkunu eżentati mill-prosekuzzjoni fil-qorti kif ukoll jiġu eżentati mill-piena għal atti li jkunu mġiegħla jagħmlu f'kuntest ta' reati sesswali u prostituzzjoni tat-tfal. Mhux biss, imma dan l-Abbozz ta' Liġi qiegħed jeżiġi wkoll li jkunu protetti xhieda vulnerabbli li lesti jmorru għand il-Pulizija u jagħmlu d-dikjarazzjoni tagħhom u jagħtu din ix-xhieda fil-qorti.

Jekk hemm xi ħaġa fil-bniedem li jien verament insib diffiċli sabiex nifhem u nsib raġunijiet li jagħmlu sens għaliha, żgur li hija l-abbuż tat-tfal. Kull forma ta' abbuż fuq it-tfal, kemm jekk ikun fiżiku, kemm jekk ikun sesswali, kemm jekk ikun emozzjonali jew psikoloġiku, hija deplorabbli. Ma jagħmilx ġieħ lil min iwettqu u jħalli ħsara kbira fuq il-vittmi, aktar u aktar meta jkunu tfal innoċenti li jkunu qegħdin ifittxu l-imħabba. Nafu li t-tfal ifittxu li jkunu mħarsa u jfittxu li jingħataw il-kura, il-kenn u l-protezzjoni imma minflok, f'każijiet bħal dawn isibu lil min jabbużahom.

Sur President, bħalma taf, jien dejjem inħobb nikkwota lil xi kittieb jew personaġġ u llum se nikkwota lill-kittieba Amerikana Ellen Bass li titkellem dwar l-abbuż sesswali u tgħid hekk:

> "To heal from child sexual abuse you must believe that you were a victim, that the abuse really did take place. This is often difficult for survivors. When you've spent your life denying the reality of your abuse, when you don't want it to be true, or when your family repeatedly calls you crazy or a liar, it can be hard to remain firm in the knowledge that you were abused."

Fi ftit kliem, hawnhekk qed jingħad li sabiex wieħed ifiq mill-abbuż sesswali l-ewwel irid jemmen li verament kien vittma u li dak l-abbuż verament seħħ. Dan huwa diffiċli speċjalment wara li tkun ilek żmien tisma' mingħand il-familjari jew inkella mingħand dawk in-nies li huma viċin tiegħek li jgħidulek li dak l-abbuż mhuwiex minnu, li inti qed tigdeb, li inti qiegħed timmaġina u dak l-abbuż mhux vera seħħ. Għalhekk, huwa verament importanti li t-tfal, jew aħjar il-minuri, jiġu mismugħa, li xi ħadd jagħti kashom u li xi ħadd isegwihom.

Huwa importanti li meta dawn il-minuri li jkunu għaddew minn trawma ta' abbuż sesswali jew saħansitra mill-prostituzzjoni – anke ngħidha biss inħossni niddarras meta qegħdin nitkellmu fuq tfal, aħseb u ara meta naraw li din hija realtà – ikunu qegħdin jagħtu xhieda fil-qrati tagħna dwar l-esperjenzi li jkunu għaddew minnhom, dawn ma jiġux imbagħad suġġetti li jitressqu l-qorti mixlija b'dak li jkun seħħ fuqhom.

Kull forma ta' abbuż hija trawmatika u għaldaqstant jeħtieġ li nħarsu lill-vittmi bl-aħjar mod possibbli. Għalhekk irridu nassiguraw li nagħtu l-protezzjoni meħtieġa lil xhieda vulnerabbli kemm meta jagħtu dikjarazzjoni quddiem il-Pulizija kif ukoll meta dawn jistqarru dak li jkunu għaddew minnu quddiem il-qorti permezz tax-xhieda tagħhom. Aħna qegħdin naqblu ma' dak li qiegħed jipproponi dan l-Abbozz.

Sur President, bħala l-kelliema għad-drittijiet tat-tfal ma nistax ma nkunx voċifera favur pieni ħorox fil-konfront ta' kull min jabbuża mill-minuri. Xejn ma jiskuża lil xi ħadd li jagħmel ħsara irreparabbli fuq minuri u jħassrilhom ħajjithom. Kull studju u riċerka turi li l-ħsara li ssir fit-tfulija tibqa' tħalli l-marka u t-timbru profond tagħha fuq il-bqija ta' ħajjet dak it-tifel jew tifla. Barra minn hekk, nafu wkoll li dan huwa ċirku vizzju. Ħafna drabi xi ħadd li jkun vittma ta' abbuż, biż-żmien jista' jsir abbużiv hu wkoll. Għalhekk, huwa kruċjali li nwaqqfu l-abbuż minnufih.

Huwa importanti li noħolqu klima fis-soċjetà fejn l-abbuż jispiċċa darba għal dejjem. Forsi hawn min jgħidli li din hija ħolma, li qed nitkellem minn qalbi biss, imma jien xorta nibqa' persważa li hemm fejn nistgħu naħdmu iżjed sabiex din issir realtà, sabiex b'mod partikolari naħdmu favur klima fis-soċjetà li tħeġġeġ li l-abbuż ma jintefa' qatt taħt it-tapit. Għaldaqstant huwa ta' sodisfazzjon li llum qegħdin naraw li iktar nies huma lesti li jersqu u jitkellmu dwar abbuż.

L-abbuż għadu tabù, imma llum it-tfal fl-iskejjel qegħdin jiġu mgħallma dwar forom differenti ta' abbuż u qegħdin ukoll jiġu mħeġġa li jirrapportaw l-abbuż minnufih. L-abbuż qatt ma jista' jiġi aċċettat bħala xi ħaġa normali anke jekk ikun ġej minn nies li t-tifel jew it-tifla jħobbu u jiddependu minnhom. Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq abbuż li sfortunatament ikun ġej mill-ġenituri, mill-familjari jew inkella mill-hekk imsejħa ħbieb.

Ma nistax ma nagħmilx referenza għaċ-child grooming. Dan huwa suġġett li jien tkellimt dwaru numru ta' drabi f'dan il-Parlament. Permezz tal-internet u l-mezzi soċjali din it-theddida fuq it-tfal tagħna llum qiegħda dejjem tiżdied. Ejja ma nitfgħux rasna fir-ramel, ejja niffaċċjaw ir-realtà li t-tfal tagħna qegħdin jgħixu mat-teknoloġija, qegħdin ikunu kontinwament f'kuntatt fuq l-internet u kontinwament jidħlu fuq il-mezzi soċjali. Għaldaqstant din hija theddida reali ħafna. Hemm bżonn li naħdmu iżjed biex inkunu strumentali u nissalvagwardjaw lit-tfal anke minn din il-forma ta' abbuż. Dan huwa abbuż sottili ħafna u nagħraf li mhuwiex daqshekk faċli li taqbdu. Għaldaqstant huwa iktar importanti li ninvestu bis-serjetà biex nipproteġu lil uliedna minn dan it-tip ta' abbuż, iċ-child grooming.

Tkellimt ukoll u se nibqa' nitkellem dwar it-traffikar tal-bniedem, ħafna drabi għal skopijiet ta' natura sesswali. L-istudji u r-rapporti jindikaw li l-aktar li jiġu traffikati fil-fatt huma n-nies vulnerabbli u t-tfal żgur li jaqgħu f'din il-kategorija. It-tfal huma kategorija ta' nies fis-soċjetà li huma klassifikati bħala vulnerabbli. Kemm tfajliet kif ukoll subien li jkunu taħt l-età jafu jispiċċaw f'din ir-realtà kerha ta' traffikar tal-bnedmin.

Jien għadni ma nistax nifhem kif kull meta semmejt it-traffikar tal-bnedmin kif ukoll il-ħwienet tal-massaġġi f'dan il-Parlament, dejjem bqajt bla tweġibiet serji. Issa fil-każ tal-massage parlours dawn huma postijiet red flagged, mhux minna hawnhekk iżda mill-Bureau Amerikan li jgħidlek ċar u tond li dawn huma postijiet li jipprovdu sex services fejn hemm lok kbir li fihom jiġu traffikati n-nies, inkluż minuri. Aħna għandna numru kbir ta' massage parlours fil-lokalitajiet kollha Maltin u mbagħad għandna nuqqas ta' regolarizzazzjoni. Hawnhekk qegħdin nilagħbu ma' din ir-realtà li fiha jaf ikunu qed jiġu traffikati n-nies, inkluż subien u tfajliet li għandhom inqas minn 18-il sena. Għaldaqstant l-appell tiegħi huwa sabiex il-Gvern iħares lejn din ir-realtà b'aktar serjetà u jirregolarizza wkoll dan is-settur kummerċjali.

Sur President, filwaqt li naqbel li għandna nipproteġu lit-tfal li huma vulnerabbli fil-qrati mill-prosekuzzjoni, il-protezzjoni tat-tfal irridu narawha f'ambitu aktar wiesa'. Jeħtieġ li din il-protezzjoni nagħmluha iktar ħolistika billi lit-tfal nagħtuhom kull għajnuna, ngħallmuhom iktar dwar id-drittijiet tagħhom, dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, u sa fejn għandhom ikunu l-parametri tar-relazzjonijiet tagħhom ma' nies oħra. Irridu wkoll nikkastigaw bl-aħrax lil kull min iwettaq abbuż fuq it-tfal.

Sur President, nixtieq nagħlaq b'appell: Ejja nagħtu l-aħjar għodda lill-Pulizija, lill-għalliema,

lill-psikologi, lis-social workers u lil kull min qiegħed f'kuntatt mat-tfal sabiex kull każ ta' allegat abbuż jiġi investigat bl-aħjar għodda u bl-aħjar mezzi possibbli, u min ikun ħati jingħata l-pieni li ħaqqu filwaqt li l-vittmi tal-abbuż jingħataw kull protezzjoni u kull għajnuna possibbli li ttaffilhom xi ftit mit-trawma li jkunu ġarrbu. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Insejjaħ lill-Ministru Jonathan Attard biex, jekk jogħġbu, jagħmel il-winding up.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President. id-diskussjoni dwar dawn iż-żewġ Abbozzi ta' Liġi kienet interessanti ħafna b'numru ta' suġġerimenti ta' kif nistgħu nkomplu nsaħħu l-miżuri fiż-żewġ abbozzi rispettivi li jittrattaw aspetti differenti, anke jekk it-tnejn li huma jemendaw il-Kodiċi Kriminali.

Kif spjegajt iktar kmieni, l-Abbozz Nru 78 huwa marbut ma' traspożizzjoni ta' Direttiva biex nassiguraw li kemm jista' jkun il-liġijiet tagħna jirriflettu l-għan u l-iskop ta' din id-Direttiva, jiġifieri li noffru protezzjoni akbar lill-vittmi tar-reati sesswali fuq minorenni. Hawnhekk mhux qegħdin nipprovdu biss għall-possibbiltà li ma jkunx hemm pieni u ma jkunx hemm saħansitra prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom peress li dawn ikunu minorenni suġġetti għal dawn it-tip ta' reati, imma qed naċċertaw ruħna li qed nitkellmu dwar il-persuni kollha ta' taħt it-18-il sena b'differenza minn kif kien provdut sal-lum f'ċerti istanzi fejn kienu koperti biss minorenni ta' taħt is-16-il sena.

Hemm imbagħad l-emenda l-oħra marbuta mad-diskrepanza fit-testi tal-liġi dwar dawk li huma eżentati milli jservu ta' ġurati. L-emenda, kif intqal, tittratta l-professjoni tal-għalliema li jridu jkunu eżentati kif kien jipprovdi t-test Ingliż b'differenza minn dak li hemm fit-test Malti li ma kienx jipprovdi għall-eżenzjoni tal-għalliema.

Fid-diskors tal-introduzzjoni għedt li se tqum diskussjoni fuq professjonijiet oħra li wkoll jistennew li jkunu eżenti għaliex ċertament għandhom funzjoni importanti wkoll, inkluż fl-iżvilupp ta' uliedna fis-settur edukattiv. Jien naħseb li rridu noqogħdu attenti. Bla dubju, irridu nħarsu lejn diversi oqsma oħra li forsi żviluppaw fl-aħħar snin f'pajjiżna li għandhom funzjoni importantissima fl-iżvilupp tat-tfal, anke fis-settur edukattiv, imma nappella biex noqogħdu attenti li ma nispiċċawx b'sitwazzjoni fejn il-grupp ta' dawk li possibbilment jistgħu jservu ta' ġurati jkun wieħed limitat. Il-kollegi tiegħi tkellmu dwar l-importanza tas-servizz li jagħti ġurat fis-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna biex isir ħaqq fil-konfront tal-persuna mressqa b'ġuri, u għaldaqstant irridu nassiguraw li l-grupp ta' ġurati li jkunu msejħa u magħżula biex jisimgħu x-xhieda u jagħtu l-verdett tagħhom ikun jirrifletti spettru wiesa' tas-soċjetà tagħna.

Kien hemm kummenti dwar l-aspett tal-preskrizzjoni ta' ċerti reati, partikolarment dawk li jirrigwardaw abbuż fuq il-minuri. L-Onor. Karol Aquilina tkellem dwar kif fl-2021 kienu ttieħdu deċiżjonijiet f'dan is-sens u twessa' l-perjodu ta' preskrizzjoni fuq ċerti reati. Nista' ngħid li aħna mhux biss konformi ma' ċerti konvenzjonijiet imma mmorru lil hinn fejn tidħol il-preskrizzjoni. Ċertament li naqbel li għandha ssir diskussjoni dwar il-preskrizzjoni fuq ċerti reati, però hija diskussjoni sensittiva u ma nemminx li nistgħu nistrieħu biss fuq studji dwar is-soċjetà għax hemm aspetti legali li rridu nikkonsidraw. Hemm ukoll implikazzjonijiet legali fir-rigward ta' ċerti reati li dwarhom tneħħiet il-preskrizzjoni.

F'Malta wkoll għandna reati li dwarhom tneħħiet il-preskrizzjoni. Ħafna drabi nirreferu għat-tneħħija tal-preskrizzjoni fuq il-politiċi, però rridu ngħidu wkoll li meta tneħħiet dik il-preskrizzjoni kien hemm diskussjoni pjuttost legali u akkademika fuq is-saħħa legali tagħha. Dik tindika kemm huwa importanti li f'kull pass li nieħdu marbut mal-preskrizzjoni, dwar jekk hux se nibqgħu nżidu perjodi li diġà żdiedu jew jekk hux se nneħħu l-preskrizzjoni fuq ċerti reati, irid ikun hemm diskussjoni legalment responsabbli biex nassiguraw li ma jkunx hemm implikazzjonijiet ulterjuri.

Jien nifhem id-diskussjoni li xi kultant tqum fil-pajjiż marbuta mal-preskrizzjoni. Irridu niftakru wkoll li l-preskrizzjoni ma teżistix biss fil-kamp kriminali. Hemm ukoll min juża l-preskrizzjoni fil-kamp ċivili. Preskrizzjoni fil-kamp ċivili tista' ma tużahiex. Jekk inti moralment konvint li kellek responsabbiltà, jew kien hemm ammont dovut u tħoss li xorta għandek tikkumpensa, xejn u ħadd ma jżommok minkejja li jkun għadda t-terminu preskritt. Jekk għandek ċirkostanza ta' istituzzjoni li forsi bl-iktar mod evidenti kellha fi ħdanha nies li naqsu, xejn u ħadd ma jwaqqafha milli tikkumpensa, u m'għandhiex għalfejn

tistrieħ fuq il-preskrizzjoni ċivili. Din ukoll hija tema li tajjeb li ssir diskussjoni dwarha. Però filwaqt li l-preskrizzjoni mill-aspett kriminali hija tassattiva, il-preskrizzjoni fiċ-ċivil mhijiex, u min irid jasal f'kompromess xejn u ħadd ma jżommu milli jagħmel dan u ma jqajjimx it-terminu preskrittiv biex b'xi mod jew ieħor ma jirrispondix, jew ma jikkumpensax lil dawk li jkunu sofrew xi forma jew oħra ta' danni.

Sur President, nagħlaq hawnhekk. Naf li issa se nidħlu fl-istadju ta' Kumitat sabiex fl-iqsar żmien possibbli dawn il-liġijiet narawhom jidħlu fis-seħħ.

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius):** Grazzi. Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" ikun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tieni Darba.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont ftehim milħuq, l-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi se jsir fil-Kamra wara li jiġi konkluż it-tieni item fuq l-aġenda.

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 9)

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 9) BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9).

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Skont ftehim milħuq aktar kmieni fis-seduta, u kif diġà ġie indikat fid-diskussjoni dwar it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) – Abbozz Nru 77 – id-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) – Abbozz Nru 78 – ġiet eżawrita waqt id-diskussjoni fi stadju tat-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi Nru 77 li għadu kif għadda mill-Kamra. Għaldaqstant se ngħaddi biex inqiegħed il-mistoqsija fuq it-Tieni Qari tiegħu.

Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal materji li huma anċillari għalihom" ikun moqri t-Tieni Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tieni Darba.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont ftehim milħuq, l-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi se jsir fil-Kamra, u dan malli jkun konkluż l-istadju ta' Kumitat tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Abbozz Nru 77.

## ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 8)

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 8) BILL

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Il-President tal-Kumitati jippresiedi.*

**Klawsola 2 –** Emenda tal-artikolu 604 tal-Kodiċi.
**Clause 2 -** Amendment of article 604 of the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, il-klawsola 2 hija l-qofol ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi. Permezz ta’ din l-emenda qegħdin nassiguraw li l-verżjoni bil-Malti u bl-Ingliż, li teżenta surmastrijiet u għalliema milli jkunu msejħa bħala ġurati, ikunu konsistenti.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, hawn qbil dwar din l-emenda.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 2. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 2 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.*

**Klawsola 1 –** Titolu fil-qosor.
**Clause 1 –** Short Title.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

“A” Fi klawsola 1 minflok il-kliem “l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8)” għandhom jidħlu l-kliem “l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali”.

“A” In clause 1 the words “Criminal Code (Amendment No. 8) Act, 2023” shall be substituted by the words “Criminal Code (Amendment) Act, 2024”.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 1 kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*L-Emenda “A” għaddiet nem. con.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 1 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 1, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.*

**Titolu**
**Title**

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

“B” Fit-Titolu, minflok il-kliem “Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.” għandhom jidħlu l-kliem “Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.”.

“B” In the Title, the words “An Act to further amend the Criminal Code, Cap. 9.” shall be substituted by the words “An Act to amend the Criminal Code, Cap. 9.”.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għat-Titolu kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*L-Emenda “B” għaddiet nem. con.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija t-Titolu kif emendat. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*It-Titolu, kif emendat, għadda nem. con. u ġie ordnat biex isir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi li l-Kumitat jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn qbil li l-Ministru jirrapporta li dan l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel ukoll li l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għandu jirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" għadda mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Skont il-ftehim milħuq il-Kumitat issa ser jgħaddi biex jiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) – Abbozz Nru 78.

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 9)

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 9) BILL

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Il-President tal-Kumitati jippresiedi.*

**Klawsola 2 –** Emenda tal-artikolu 21 tal-Kodiċi.
**Clause 2 -** Amendment of article 21 of the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Din hija emenda għall-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, fejn qegħdin ngħidu li persuna ta' taħt it-18-il sena fiż-żmien meta jkun twettaq ir-reat u nstabet ħatja ta' reat skont l-artikoli 204A, 204B, 208, 208A jew 208Ċ u l-qorti tkun sodisfatta li l-imsemmija persuna kienet vittma ta' abbuż sesswali u kienet imġiegħla twettaq l-imsemmi reat, il-Qorti tista' mas-sejba ta' ħtija tiddeċiedi li ma timponi ebda piena fuq il-persuna misjuba ħatja.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 2. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 2 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 3 -** Żieda ta' artikolu ġdid fil-Kodiċi.
**Clause 3 -** Addition of new article to the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, permezz tal-klawsola 3 se ndaħħlu emenda li tipprovdi li l-awtorità kompetenti, f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, tista' tiddeċiedi li ma tistitwixxix proċeduri kriminali fil-konfront ta' vittma minuri, jew l-eżenzjoni minn piena.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 3. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 3 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 4 –** Emenda tal-artikolu 346 tal-Kodiċi.
**Clause 4 -** Amendment of article 346 of the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Klawsola 4 u dispożizzjonijiet oħra li ġejjin jittrattaw il-fatt li issa se jkun hemm il-possibbiltà li dawk li jkunu minuri taħt it-18-il sena u li se jiġu mitkellma mill-awtoritajiet, jiġu recorded b'tali mod li r-recording jintuża fil-proċedura kriminali u b'hekk innaqqsu l-iskariġġ f'din l-esperjenza ċertament kerha għal dawn it-tfal taħt it-18-il sena li jkunu suġġetti għal dawn it-tip ta' ċirkostanzi.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 4. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 4 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 5** – Emenda tal-artikolu 347A tal-Kodiċi.
**Clause 5 -** Amendment of article 347A of the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, il-klawsola 5 hija klawsola konsegwenzjali għal dak li għadna kif iddiskutejna.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 5. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 5 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 6 –** Emenda tal-artikolu 391 tal-Kodiċi.
**Clause 6** – Amendment of article 391 of the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-klawsola 6 qiegħda tiċċara l-pożizzjoni tagħna fis-sens li d-Direttiva titkellem dwar minuri taħt it-18-il sena. Kellna numru ta' dispożizzjonijiet fil-liġi tagħna li jipprovdu għal minuri taħt is-16-il sena. Għaldaqstant issa qed inġibu f'konformità numru ta' dispożizzjonijiet. Hawnhekk qed nitkellmu dwar l-artikolu 391 tal-Kodiċi u f'din l-emenda se jkun assigurat li persuni fl-età ta' bejn is-16 u t-18-il sena jkunu inklużi wkoll u trattati daqs kwalunkwe minorenni ieħor.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 6. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 6 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 7 –** Emenda tal-artikolu 646 tal-Kodiċi.
**Clause 7 -** Amendment of article 646 of the Code.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-klawsola 7 hija simili għal dak li għadni kif spjegajt u tittratta aspetti oħra relatati ma' dawk li huma intervisti u dikjarazzjonijiet ta' minuri. Kif għedt, l-intenzjoni tad-Direttiva li qed nittrasponu fil-liġi Maltija hija li jkun hemm element ta' recording ta' dik l-intervista, li jintuża fil-proċeduri.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 7. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 7 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 8 –** Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar il-Pulizija. Kap. 164.
**Clause 8 -** Consequential amendment to the Police Act. Cap. 164.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-klawsola 8 hija l-klawsola finali, li permezz tagħha qed nagħmlu emenda konsegwenzjali għall-Att dwar il-Pulizija, Kap. 164, biex jirrifletti dak li ddiskutejna aktar kmieni.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 8. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 8 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 1 –** Titlu fil-qosor u għan.
**Clause 1 –** Short title and scope.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

"A" Fi klawsola 1 minflok il-kliem "l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9)" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2)".

"A" In clause 1 the words "Criminal Code (Amendment No. 9) Act, 2023" shall be substituted by the words "Criminal Code (Amendment No. 2) Act, 2024".

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 1 kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*L-Emenda "A" għaddiet nem. con.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-mistoqsija hija klawsola 1 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Klawsola 1, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

*It-Titolu għadda nem. con. u ġie ordnat biex isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi li l-Kumitat jaqbel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex tikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, tagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn qbil li l-Ministru jirrapporta li dan l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emenda? (Onor. Membri: Iva)

*Fis-6.08 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni rrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali – Abbozz Nru 77 - u l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) – Abbozz Nru 78 – għaddew mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.*

*Skont ftehim milħuq il-Kamra għaddiet għall-istadju tat-Tielet Qari ta' dawn iż-żewġ Abbozzi ta' Liġi.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT) BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 2)

## CRIMINAL CODE (AMENDMENT NO. 2) BILL

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA**: Nissekonda.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 u sabiex jipprovdi għal materji li huma anċillari għalihom" ikun moqri t-Tielet Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-Tielet Darba u għadda.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Hawn qbil li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun issa u li jitressaq l-aġġornament? (Onor. Membri: Iva) Nerġa' nsejjaħ lill-Ministru biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

*Fis-6.10 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent - Tieni Qari;

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Kontinwazzjoni;

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati - Kumitat Permanenti.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Graziella Galea.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, f'dan l-ewwel diskors tiegħi fil-ħin tal-aġġornament għal din is-sena nixtieq nitkellem l-ewwel dwar ir-rwol tagħna bħala Membri Parlamentari, imbagħad aktar tard niffoka fuq parti mid-distrett li nirrappreżenta.

Se nitkellem l-ewwel dwar ir-rwol ta' Membru Parlamentari li ħafna xogħlijiet, partikolarment xogħol f'din il-Kamra li jvarja minn mistoqsijiet parlamentari fuq diversi livelli, għal li nipparteċipaw waqt id-diskussjonijiet dwar id-diversi abbozzi ta' liġi li l-Kamra jkollha quddiemha, għal li nressqu d-diffikultajiet u r-realtajiet li niltaqgħu magħhom waqt il-ħin tal-Aġġornament. Nemmen li huwa r-rwol tagħna bħala Membri Parlamentari li niddiskutu hawnhekk dak kollu lil naħsbu li huwa ta' interess nazzjonali jew lokali kif ukoll li nipparteċipaw fid-dibattiti dwar l-abbozzi ta' liġi sabiex inroddu lura l-fiduċja li ngħatatilna minn dawk kollha li vvotawlna.

Jien se nitkellem fuq diversi aspetti u sitwazzjonijiet li ltqajt magħhom matul l-aħħar ġimgħat, però qabel nagħmel dan xtaqt nirreferi għal mistoqsija parlamentari li għamilt is-sena l-oħra meta kont ingħatajt l-informazzjoni li kien baqa' 700 mistoqsija parlamentari li kellhom jitwieġbu minn diversi Ministri.

Aktar tard l-Onor. Chris Said għamel din il-mistoqsija wkoll u r-risposta kienet li hemm madwar 750 mistoqsija parlamentari li kienu għadhom ma ġewx imwieġba. Nifhem li ċerti mistoqsijiet parlamentari jieħdu ċerti sigħat biex tinġabar l-informazzjoni, imma nħoss li huwa r-rwol ta' kull Ministru li jara li din l-informazzjoni tinġabar u tingħata fil-ħin. Dan qed ngħidu għax aħna l-Membri Parlamentari li m'aħniex ministri jew segretarji parlamentari nressqu dawn il-mistoqsijiet għax niltaqgħu ma' realtajiet differenti u għax il-kostitwenti tagħna javviċinawna fuq dak li jkunu għaddejjin minnu u dawn il-mistoqsijiet ikun jeħtiġilhom tweġiba.

Ikun hemm numru ta' mistoqsijiet parlamentari li ma jkunux imwieġba u jkollna wkoll każijiet fejn it-tweġiba tkun biex il-mistoqsija nirreferuha lill-ministeru kkonċernat mingħajr ma jgħidulna liema ministeru. Ikun hemm ukoll każijiet fejn il-mistoqsija parlamentari ma titweġibx kollha. Irridu naraw ukoll li l-informazzjoni li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tkun waħda kompluta sabiex dak li aħna qegħdin hawnhekk biex inwettqu nkunu nistgħu verament inwettquh. Dan qed ngħidu għax nemmen li kollettivament f'din il-Kamra, kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll min-naħa tal-Oppożizzjoni, qegħdin hawnhekk biex nirrappreżentaw lill-poplu Malti u Għawdxi kollu u għalhekk ejjew naraw li dmirna naqduh bl-istess mod, hi x'inhi l-kariga tagħna f'din il-Kamra.

Sur President, issa se nitkellem dwar parti mid-distrett li nirrappreżenta. Aktar 'il quddiem, f'aġġornament ieħor se nitkellem dwar partijiet oħra mid-distrett, però llum xtaqt niffoka fuq San Pawl il-Baħar, inkluż ix-Xemxija. L-ewwel li se nsemmi hu l-proġett tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu fi Triq San Publiju, f'San Pawl il-Baħar, proġett qrib l-iskola primarja tal-istess lokalità li ilu mwiegħed diversi snin minn dan il-Gvern. Rajna l-bidu ta' dan il-proġett is-sena l-oħra, però dan waqaf ftit jiem wara li beda u ma tkompliex.

Sfortunatament ikolli ngħid li ttieħdu numru ta' parkeġġi, iż-żona ġiet imdawra b'fencing tal-ħadid u dan ifisser li dawk kollha li kienu jgawdu minn dan il-belveder żgħir b'numru ta' bankijiet ġew imċaħħda milli jkomplu jagħmlu hekk. Numru ta' persuni kienu jpoġġu bilqiegħda u jgawdu l-veduta li hemm quddiemhom u f'daqqa waħda dawn ir-residenti, inkluż numru ta' anzjani, sabu quddiemhom ilqugħ tal-ħadid. Kulħadd ħaseb li fi ftit ġimgħat jew fi ftit xhur dan il-proġett kien se jibda, jitkompla u jitlesta imma minflok, ir-residenti ġew imċaħħda minn dan il-belveder mingħajr ebda pjan u l-affarijiet għadhom hekk sal-lum.

Kien hemm ukoll xnigħat li nstab xi wirt storiku. Jien għamilt numru ta' mistoqsijiet parlamentari għax diversi residenti avviċinawni dwar il-fatt li ftit wara li beda l-proġett, dan waqaf ħesrem. Hija ħasra li l-anzjani tal-lokalità tagħna ma baqgħalhomx l-użu ta' dan il-belveder. Mill-aħħar informazzjoni li ngħatajt jidher li s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali qed tagħmel studju dwar dak li nstab f'dan is-sit, però m'għandna l-ebda data ta' meta dan il-proġett se jitkompla u meta se jitlesta.

Hawnhekk nistaqsi jekk dawn l-istudji setgħux saru qabel sabiex ir-residenti ma jiġux imċaħħda għal ammont ta' xhur, nittama mhux snin, sakemm dan il-proġett jitlesta. Nistaqsi wkoll jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għandhiex pjan, għax f'waħda mill-mistoqsijiet parlamentari li twieġbu mill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika ntqal li dan il-proġett għandu 23 ġimgħa biex jitlesta kollu kemm hu. Dan ifisser li anke jekk il-proġett jibda mill-ewwel, fis-sajf dan il-proġett probabbilment mhux se jkun tlesta.

Irrid nappella liż-żewġ ministeri biex dak li għandu jsir rigward studju, isir mill-aktar fis possibbli ħalli l-proġett jerġa' jibda, jitkompla u jitlesta malajr kemm jista' jkun u b'hekk ir-residenti ta' San Pawl il-Baħar mhux biss ikollhom dak li ġie mwiegħed imma jkollhom ukoll dan fl-iqsar żmien possibbli.

Issa se nirreferi għaż-żona tax-Xemxija li hija parti mil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar. Ir-residenti tax-Xemxija kontinwament qegħdin jiltaqgħu ma' diversi ostakli u se nirreferi għal dak li qed jiġri fis-sit magħruf bħala l-eks Mistra Village. Mhux se nidħol fil-fatt li matul is-sajf kompla x-xogħol f'dan is-sit minkejja li fis-sjuf preċedenti dan ma sarx minħabba li kien qed jintalab li f'din il-parti tal-lokalità ma jsirx

xogħol fiż-żmien tas-sajf. Ħaġa tal-iskantament, meta nbidlu ż-żoni fejn jista' jsir xogħol fiż-żmien tas-sajf, dan is-sit ġie inkluż f'żona fejn seta' jsir ix-xogħol!

Dwar dan hemm mistoqsijiet kbar min-naħa tiegħi kif ukoll min-naħa tar-residenti tax-Xemxija. Dawn ir-residenti ilhom għal diversi xhur bit-trabijiet ma' kullimkien, bl-istorbju kontinwu u mċaħħda minn madwar 100 parkeġġ minħabba li kontra għal dak li naraw is-soltu, il-ħajt ma ttellax madwar is-sit imma ttella' madwar il-parkeġġi li hemm f'din iż-żona. Għalhekk, ir-residenti qed isibuha diffiċli ferm li jsibu parkeġġ bħalissa, aħseb u ara la joqrob aktar is-sajf meta l-popolazzjoni tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar tiżdied b'mod sostanzjali. Din hija waħda mill-isfidi li se jiffaċċjaw dawn ir-residenti.

Sur President, irrid nappella biex naraw is-sigurtà ta' kull resident u mhux biss l-interessi tal-iżviluppatur. Għandna naraw l-interessi tar-resident u naraw li tittieħed azzjoni fejn ikun hemm nuqqas mill-iżviluppatur, kemm jekk huwa fir-rigward ta' storbju kif ukoll jekk huma trabijiet li jkunu qegħdin jiġu minn dan is-sit. Irridu naraw li r-resident verament jingħata widen u tittieħed azzjoni fejn ikun hemm bżonn.

Fl-aħħar żmien tqajmet kwestjoni dwar fdalijiet storiċi fix-Xemxija. Fil-fatt, l-Għaqda tal-Istudenti tal-Istorja ħarġet stqarrija biex jiġu mħarsa l-banjijiet Rumani f'din iż-żona. Jien għamilt mistoqsijiet parlamentari dwar dan, però mit-tweġibiet qisha qed tingħata l-impressjoni li din l-għaqda m'għandhiex raġun. Għaldaqstant nappella biex nagħtu widen lill-għaqdiet volontarji. Fil-fatt, jien ukoll il-kelliem ewlieni għall-għaqdiet volontarji. Ħafna drabi dawn l-għaqdiet jagħmlu xogħol imprezzabbli, xogħol li jservi ta' ġid għall-komunità, u għaldaqstant tajjeb li nagħtu widen lil dawn l-għaqdiet lokali u nazzjonali għax verament iwettqu xogħol tajjeb. Nixtieq nirringrazzjahom tax-xogħol li jwettqu meta jressqu l-vuċi tar-resident u tal-għaqda volontarja li huma jirrappreżentaw.

Fiż-żona tax-Xemxija hemm ukoll heritage trail. Nixtieq insellem minn hawnhekk lil Frans Scerri li ħalla din id-dinja numru ta' ġimgħat ilu u li kien jagħmel xogħol impekkabbli f'dan is-sit. Kien iħares dan is-sit bl-ikbar imħabba b'mod volontarju. Jidher li matul l-aħħar xhur dan is-sit tħalla fi stat ta' abbandun b'kuntrast ma' kif kien qabel. Fil-fatt, meta kont sindku rajna li tiġi mnedija mobile app biex kulħadd ikun jista' jiġi jdur f'dan is-sit u jingħata l-informazzjoni fuq il-mobile tiegħu. Hija ħasra li dan is-sit tħalla fi stat ta' abbandun. Nittama li tittieħed azzjoni biex dan is-sit jingħata l-attenzjoni li tixraqlu.

Irrid insemmi wkoll is-sitwazzjoni tad-drenaġġ f'San Pawl il-Baħar, Buġibba, il-Qawra u l-madwar li qed jikkawżaw problemi fl-ibħra u fit-toroq, u nappella biex kemm jista' jkun malajr ikollna pjan suret in-nies li jirrifletti l-ħteġijiet tal-lokalità kollha.

Nirreferi wkoll għall-proġett tan-new water fl-inħawi tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u l-Imġarr, proġett li huwa maħsub b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-bdiewa sabiex ikun hemm l-ilma meħtieġ għat-tkabbir tal-prodotti. Hawnhekk nistaqsi kif parti minn dan il-proġett fiż-żona ta' San Martin u l-Miżieb għadha mhijiex lesta u għad hemm ħafna trabijiet b'inkonvenjenza u tbatija għal kull min jgħaddi minn hemm. Nistaqsi wkoll għalfejn waqt li qed isir ix-xogħol ma tteħditx l-opportunità li jitqiegħdu l-mains tad-drenaġġ f'dawn l-inħawi fejn ma kienx hemm dan is-servizz.

Sur President, kien hemm aktar punti li xtaqt nitkellem fuqhom imma nkun qed nagħmel dan waqt aġġornamenti oħra matul il-ġimgħat li ġejjin. Nittama li aħna l-Membri Parlamentari ningħataw widen sabiex ir-residenti tagħna verament jingħataw l-importanza li jistħoqqilhom. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Jerome Caruana Cilia.

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, bħala x-shadow minister għall-ekonomija u l-intrapriża huwa d-dover tiegħi li nisma', nagħti widen u nagħti kas l-istakeholders kollha biex inkun leħen sod għas-sidien tan-negozji u l-intrapriżi f'pajjiżna.

Filwaqt li nirrikonoxxi li r-rata tat-tkabbir ekonomiku hija waħda pożittiva, sfortunatament hemm numru ta' sfidi li qed jiffaċċjaw is-sidien tan-negozji f'pajjiżna. Ma niqafx ninsisti li hemm bżonn mudell ekonomiku sostenibbli. Barra minn hekk, hemm sfidi kbar li pajjiżna qed jiffaċċja f'dak li għandu x'jaqsam mal-investiment dirett barrani u għaldaqstant bilfors se nkun qed nirreferi għall-aħħar EY Attractiveness Survey. Irrid ngħid li dan huwa rapport serju u

indipendenti u żgur li mhuwiex xi stħarriġ partiġjan. Imma ejja issa nagħtu ħarsa lejn iċ-ċifri u lejn il-fatti. Jien dejjem nitkellem bil-fatti.

Sur President, kważi terz tal-kumpaniji barranin qed jgħidu li ma jarawx il-futur tagħhom f'pajjiżna u ftit aktar minn terz biss tal-investituri barranin jgħidu li qed jippjanaw li jkabbru l-operat tagħhom matul din is-sena. Dan ifisser tnaqqis ta' 10% f'sena waħda biss. Wieħed minn kull ħamsa biss ta' dawk li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ iħarsu lejn it-trasport u l-infrastruttura loġistika f'pajjiżna b'mod favorevoli. Dan ukoll ifisser tnaqqis ta' 10% f'sena waħda biss. Fejn jidħlu r-research and development (R&D) u l-innovation environment, 25% biss iħarsu lejn pajjiżna b'mod favorevoli, u 77% tal-parteċipanti jgħidu li sustainable sustainability u automation se jaċċelleraw u se jiżdiedu matul it-tliet snin li ġejjin. L-ikbar riskji li joħorġu minn dan l-istħarriġ huma l-international tax policy developments, l-iskills shortages u r-reputational concerns.

Dawn iċ-ċifri, fost ħafna oħrajn, fihom tassew x'tomgħod. Il-parteċipanti tal-EY Attractiveness Survey jitkellmu dwar numru ta' temi oħrajn u wkoll dwar il-prijoritajiet ewlenin biex pajjiżna jibqa' kompetittiv. Dawn semmew il-ħolqien ta' setturi ekonomiċi ġodda, l-infrastruttura, il-qasam tat-trasport, l-ippjanar, l-edukazzjoni u l-iskills.

L-ewwel prijorità li jsemmu l-esperti u l-investituri biex nibqgħu kompetittivi hija li jinħolqu setturi ekonomiċi ġodda. Kemm ilna nisħqu dwar dan! Kemm ilna bħala Partit Nazzjonalista ninsistu mal-Gvern biex joħloq setturi ekonomiċi ġodda u esponenti tal-Gvern Laburista kontinwament jipprovaw jirredikolawna u jattakkawna. Hija tassew ħasra li dan il-Gvern, bil-ħafna esponenti tiegħu mdaħħla f'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u skandli, b'arroganza liema bħalha, ma kinux kapaċi joħolqu settur wieħed li hu wieħed ġdid f'pajjiżna!

M'iniex se nkun allarmanti għaliex mhuwiex l-istil tiegħi, imma bil-mod il-mod qed inħossu l-effetti tan-nuqqas ta' viżjoni ekonomika tal-Gvern Laburista. Jien kemm-il darba għedt li l-Gvern dejjem jagħżel li jinjora dak li ma jdoqqx għal widnejh, apparti l-gideb kontinwu u l-attakki kontinwi fuq kull min ma jaqbilx miegħu.

Sur President, diġà kelli opportunità li nitkellem dwar il-fatt li Credit Reform irrimarka kif il-Worldwide Governance Indicators ippubblikati mill-Bank Dinji raw l-iscore ta' pajjiżna jmur lura f'sitt kategoriji minn sitta, jiġifieri fil-kategoriji kollha f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet bħall-korruzzjoni, kwalità regolatorja u s-saltna tad-dritt. Insemmi wkoll il-prestazzjoni diżappuntanti fl-EU Justice Scoreboard li tikkonferma li ż-żmien stmat biex jissolvew każijiet amministrattivi għadu l-ogħla fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kollha.

Irrid ukoll nagħmel referenza għal ċifri li ħarġu din il-ġimgħa stess. Il-Corruption Perception Index minn Transparency International għall-2023 juri kif taħt Gvern Laburista Malta baqgħet fl-agħar post fl-istorja tagħha fl-indiċi tal-korruzzjoni. Għaddiet sena oħra u bqajna hemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-indiċi tal-korruzzjoni! Ġibna score ta' 51% u qegħdin fil-55 post. Min investa f'pajjiżna jew min qed jaħseb biex jinvesti f'dan in-nazzjon iħares lejn dawn iċ-ċifri u jifli u janalizza qabel ma jiddeċiedi li jinvesti l-miljuni.

Meta mqabbla mal-pajjiżi li ġejjin mill-Unjoni Ewropea, Malta tinsab fl-aħħar sitt postijiet. Meta tara li pajjiżi bħal Bhutan, il-Qatar, il-Botswana, il-Bahamas u l-Irwanda kollha jinsabu qabel Malta, tinduna f'liema livell baxx poġġiena dan il-Gvern! Imisskom tistħu! Mhux ta' b'xejn li fl-EY Attractiveness Survey Malta għadha tant lura minn dak li konna ftit ilu! Kien hemm żmien meta kważi 90% tal-investituri kienu jaraw lil Malta bħala pajjiż ideali biex tinvesti fih. Kienu ċifri tassew pożittivi favur pajjiżna. Illum lanqas biss nilħqu s-60%. Dan hu dak li juri l-EY Attrractiveness Survey dwar pajjiżna.

Meta l-parteċipanti tal-EY Attractiveness Survey ġew mistoqsija dwar il-leading business sector matul il-ħames snin li ġejjin huma semmew it-turiżmu, is-settur tal-gaming u l-intelliġenza artifiċjali. Reċentement tkellimt dwar l-intelliġenza artifiċjali u d-diġitalizzazzjoni anke f'din il-Kamra stess u enfasizzajt kif il-Gvern mhux qed jagħmel biżżejjed. Nerġa' nisħaq u ninsisti, kif ilni nagħmel f'din il-Kamra u barra mill-Parlament, li jeħtieġ li nkunu ferm aktar ambizzjużi. Nerġa' nisħaq li l-intelliġenza artifiċjali tista' twassal biex inżidu l-livelli ta' produttività f'pajjiżna mingħajr ma nkomplu nżidu l-popolazzjoni b'numri esaġerati mingħajr ippjanar ta' xejn. Nerġa' ngħid li l-AI kapaċi

jgħinna nsolvu ħafna mill-problemi li l-familji u s-sidien tan-negozju qed jiffaċċjaw ta' kuljum. Dan il-pajjiż mhux buzzwords għandu bżonn imma viżjoni li ssaħħaħ l-industrija. Dan il-pajjiż mhux propaganda qarrieqa għandu bżonn imma pjan konkret biex insaħħu r-reputazzjoni tagħna fuq livell internazzjonali. Dan il-pajjiż mhux il-gideb u l-attakki personali għandu bżonn minn klikka żgħira imma b'saħħitha fi ħdan il-Partit Laburista, imma politika li toħloq il-ġid. Dan il-pajjiż mhux marketing fieragħ għandu bżonn imma direzzjoni li twassal biex nattiraw investiment dirett barrani serju u ta' livell. Dan il-pajjiż mhux paroli minn Kastilja għandu bżonn imma deċiżjonijiet serji u maturi li tassew jagħtu nifs ġdid lis-sidien tan-negozji Maltin u Għawdxin u lis-self-employed.

Sur President, minkejja l-politika ta' arroganza tal-Gvern Laburista, jien nemmen li flimkien magħqudin u b'rieda tajba kapaċi naslu biex noffru dak in-nifs ġdid u dik il-viżjoni ekonomika li tassew hemm bżonn. Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2024, fl-4.00p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru.

*Fis-6.38 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### PERSUNI LI WEĦLU L-ĦABS FUQ NUQQAS TA' ĦLAS TAL-MANTENIMENT

**13328. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11371, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, u jgħid kemm-il persuna weħlet il-ħabs mis-sena 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari għax ma żammitx mal-obbligazzjonijiet tagħha li tħallas il-manteniment?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 8414 u 9713.

### DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – MEMBRI

**13357. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-għadd ta' membri tal-Korp tal-Pulizija li marru jaħdmu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fl-aħħar erba' xhur?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Ma kienx hemm trasferimenti bejn il-Korp tal-Pulizija u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Kull persuna kellha ċ-ċans li tapplika għal sejħa pubblika tal-Protezzjoni Ċivili fis-sena 2022.

### IL-MARSA – MATTHEW MICALLEF ST JOHN ATHLETICS STADIUM – DAWL

**13391. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-kumpless Matthew Micallef St John Athletics Stadium fil-Marsa ilu ġimgħat sħaħ ikun dlam ċappa filgħaxija bil-konsegwenza li atleti Maltin ikollhom jitħarrġu fid-dlam?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Matthew Micallef St John Athletics Stadium fil-Marsa huwa amministrat mill-Assoċjazzjoni. Madankollu SportMalta qed tassisti lill-Assoċjazzjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati sabiex din il-problema ma terġax isseħħ.

## IL-MOSTA – MONUMENT IDDEDIKAT LILL-MISSJUNARJI MALTIN

**13442. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-monument iddedikat lill-Missjunarji Maltin u li jinsab fir-roundabout f'salib it-toroq, bejn Triq il-Kostituzzjoni, Vjal Millbrae, Triq id-Difiża Ċivili u Triq il-Missjunarji Maltin, hux ser jibqa' ewlieni u f'postu u jekk ser jiċċaqlaq, xi proposta hemm floku? Jista' jgħid ukoll jekk hijiex l-istess proposta li ma ntlaqgħetx u ġiet irtirata fl-2021 mill-Ministru predeċessur kif ukoll mis-CEO tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Mosta kienx ikkonsultat dwar din il-proposta?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** Ix-xogħol li sar fid-daħla tal-Mosta, u li sar b'investiment ta' iżjed minn €1.5 miljun, jinkludi s-segregazzjoni tat-traffiku, belisha crossings, dawl tat-toroq u sinjali tat-toroq ġodda għal iktar sigurtà fit-toroq. Għaddejjin diskussjonijiet mal-Kunsill rispettiv biex dan ix-xogħol jiġi kkumplimentat b'landscaping plan u anke tqegħid ta' monumenti li jixirqu. Dan skont permessi relatati u anke deċiżjonijiet li diġà ttieħdu mill-Kunsill Lokali rispettiv.

## KAROZZI TAL-LINJA – NUMRU MASSIMU TA' PASSIĠĠIERI

**13443. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru massimu ta' passiġġieri li tista' tgħabbi karozza tal-linja?

**ONOR. CHRIS BONETT:** In-numru massimu ta' passiġġieri li karozza tal-linja tista' tgħabbi jiddependi fuq il-mudell u l-kobor tal-vettura. Dan in-numru jkun indikat fuq id-dokument "Certificate of Conformity" hekk kif maħruġ mill-manifattur. In-numru ta' passiġġieri li jistgħu jitgħabbew minn vetturi li bħalissa qegħdin jintużaw mis-servizz tat-trasport pubbliku huwa kif ġej:

· Vetturi ta' 12-il metru - medja ta' 68 passiġġier
· Vetturi ta' disa' metri - medja 56 passiġġier
· Minibuses - medja ta' 24 passiġġier

## RAPPORTI TA' VJOLENZA DOMESTIKA

**14185. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti ta' vjolenza domestika mill-2018 sal-aħħar tal-2023, maqsuma sena b'sena u skont il-ġeneru?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba hija skont it-tabella t'hawn taħt.

| Sena | Numru ta' Rapporti | Total ta' Vittmi femminili | Total ta' vittmi maskili | Total ta' Vittmi |
|---|---|---|---|---|
| 2018 | 1341 | 1182 | 364 | 1546 |
| 2019 | 1325 | 1128 | 404 | 1532 |
| 2020 | 1645 | 1373 | 467 | 1840 |
| 2021 | 1741 | 1414 | 518 | 1932 |
| 2022 | 1828 | 1452 | 578 | 2030 |
| 2023 | 2071 | 1640 | 604 | 2244 |

## RAKKOMANDAZZJONIJIET MILL-GREVIO

**14186. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tar-Rapport Annwali 2022 tal-Kummissarju kontra l-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika, fejn f'paġna 26 jagħmel referenza għat-13-il rakkomandazzjoni tal-GREVIO, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-11-il rakkomandazzjoni li ġew imwettqa u liema huma t-tnejn 'in process' u l-waħda 'pending'? Jista'

jgħid ukoll x'inhi d-differenza bejn 'in process' u 'pending'?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## KUMMISSARJI KONTRA L-VJOLENZA ABBAŻI TAL-ĠENERU U VJOLENZA DOMESTIKA

**14187. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hawn Kummissarji kontra l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika minn Jannar 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, min kienu u x'kienet id-data ta' meta bdew u temmew it-terminu tagħhom? Jista' jgħid ukoll jekk irriżenjawx qabel jew temmew b'suċċess it-terminu tal-kariga tagħhom u x'kienu r-raġunijiet ta' dawk li rriżenjaw?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Tul l-aħħar snin il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika kompliet tissaħħaħ biex tilħaq aħjar l-għanijiet u l-funzjonijiet li għalihom hi stabbilita. Fis-sena 2018, it-tisħiħ tal-Kummissjoni sar ukoll fil-parametri tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li segwiet biex fl-2020 l-istess Kummissjoni kellha wkoll l-ewwel Kummissarju jservi fuq bażi full-time. Għaldaqstant il-kummissarji li servew fil-perjodu msemmi huma kif jidher hawn taħt:

| Snin ta' Ħidma | Isem il-Kummissarju |
|---|---|
| 2013 - 2016 | Maġistrat Dr Yana Micallef Stafrace - Chairperson |
| 2016 - 2018 | Mr Joe Gerada |
| 2018 - 2020 | Ms Simone Azzopardi |
| 2020 - 2023 | Ms Audrey Friggieri |
| 2023 - | Ms Samantha Pace Gasan |

## SANTA VENERA – KONSERVATORJU VINĊENZO BUGEJA

**14225. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12717 u jgħid jekk il-Konservatorju Vincenzo Bugeja f'Santa Venera hux ser jagħlaq il-bibien tiegħu fil-futur qarib? Jekk iva, x'ser isir mis-servizzi residenzjali li jospitaw u jassistu adolexxenti vulnerabbli u fejn ser imorru dawn ir-residenti? Jista' jgħid ukoll xi pjanijiet hemm għal din il-binja?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat tweġiba tal-mistoqsija 12547. Il-binja ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tiegħi.

## ADOZZJONIJIET MINN KOPPJI TAL-ISTESS SESS

**14234. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13001 u jgħid kemm kien hemm koppji tal-istess sess li rnexxielhom jaddottaw minn mindu legalment dan sar possibbli u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u skont il-pajjiż li addottaw minnu?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** B'kollox kien hemm sitt koppji tal-istess sess li adottaw mill-Portugall.

· Koppja adottat żewġ subien fl-2018;
· Koppja adottat tifel u tifla fl-2018;
· Koppja adottat tifel fl-2019 u tifel fl-2022;
· Koppja adottat tifel fl-2020;
· Koppja adottat tifel fl-2022 u tifel fl-2023; u
· Koppja adottat tifel fl-2023.

## ADOZZJONIJIET

**14235. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13002 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4587 u 4588, fejn jingħad li bejn l-2019 u Frar tal-2023 kien hemm 13-il adozzjoni ffaċilitati mill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) u 115-il adozzjoni ffaċilitati mill-aġenziji privati, jista' l-Ministru jgħid għalfejn ir-rata ta' konklużjonijiet b'suċċess tal-aġenziji privati hija ħafna aktar għolja?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Fil-perjodu msemmi kien hemm tliet aġenziji privati

minbarra l-aġenzija tal-Gvern li jipprovdu s-servizz tal-adozzjoni. Dan ifisser li kull min jixtieq jaddotta huwa liberu li jagħżel hu ma' liema aġenzija jixtieq li jaħdem.

Ta' min jinnota wkoll li minbarra t-taħriġ dettaljat u intensiv li jsir biex persuna/persuni jkunu jistgħu jidhru quddiem l-Adoptions Board sabiex ikunu approvati bħala Ġenituri Adottivi Prospettivi (Prospective Adoptive Parents – PAPs), il-home study reports u l-post-adoption reports, is-servizz tal-adozzjonijiet fi ħdan l-FSWS jagħmel ukoll xogħol importantissimu mal-familji wara li tkun konkluża adozzjoni. Dan is-servizz huwa dak tal-Post-Adoption Support fejn diversi persuni li jkunu adottaw jirrikorru għand l-Aġenzija tal-Gvern sabiex jingħatalhom sapport wara l-adozzjoni ħalli jiġi assigurat li, kemm jista' jkun, ma jkunx hemm placement breakdowns.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14735. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14736. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14737. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-allowances intitolati għal dawk l-impjegati li għandhom grad ta' għalliem huma stipulati fil-ftehim kollettiv.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14738. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett

tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14739. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14740. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 14737.

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14851. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt.

| Isem u Kunjom | Grad | Dipartiment/ Korporazzjoni/ Entità |
|---|---|---|
| Marie Louise Coleiro Preca | Prinċipal | Arkivju Nazzjonali |

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14852. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Ma kien hemm l-ebda Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess ta' minoranza jew maġġoranza, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14853. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14854. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 li kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14855. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Fid-dekasteru tiegħi ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 identifikati bħala impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14856. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## MARSALFORN – CABLES TAD-DAWL

**14977. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għall-cables tad-dawl li baqgħu mwaħħlin mal-faċċati tad-djar u bini ieħor fil-waterfront ta' Marsalforn, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender ħarġitx biex jitgħaddew minn ġo culvert taħt l-art li kien sar meta sar il-promenade ta' Marsalforn u jekk iva, meta nħarġet is-sejħa u meta se jibdew ix-xogħlijiet?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** Ma ħarġet ebda sejħa għall-offerti f'dan is-sens.

## IR-RABAT GĦAWDEX – AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – UFFIĊINI ĠODDA

**14978. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex jinbnew uffiċini ġodda jew jitranġaw l-uffiċini tal-Awtorità tal-Ippjanar li kien hemm fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Sir Luigi Camilleri, ġewwa r-Rabat Għawdex, peress li sa ftit tas-snin ilu din il-binja kienet tintuża ta' kuljum mill-ħaddiema u mill-klijenti tal-Awtorità tal-Ippjanar u llum tinsab magħluqa u fi stat ta' abbandun?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-uffiċini fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Sir Luigi Camilleri, fir-Rabat Għawdex, li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet tagħmel użu minnhom sa ftit tas-snin ilu, ġew irritornati lill-Awtorità tal-Artijiet f'Awwissu 2022.

## IR-RABAT GĦAWDEX – TRIQ ĠUŻEPPI SPITERI

**14979. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3809 li ngħatat fit-22 ta' Novembru 2022, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess ta' esproprjazzjoni sabiex tinfetaħ it-triq li diġà hi schemed u li twassal għall-parking tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan qabel issir il-parti l-ġdida li diġà ġiet iffurmata, u liema triq, meta tinfetaħ, se tkun qed tagħti aċċess aħjar lir-residenti u lill-poplu inġenerali?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Ministeru għal Għawdex għamel żewġ esproprjazzjonijiet fi Triq Ġużeppi Spiteri. B'dawn l-esproprjazzjonijiet ser jinfetaħ aċċess għall-parti ta' wara tal-isptar, hekk kif issir ir-rilokazzjoni tal-kamra mortwarja tal-Isptar Ġeneral ta' Għawdex peress li din l-ischemed road tgħaddi minn ġo parti minnha.

## GĦAWDEX – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL IRZIEZET TAN-NAGĦAĠ

**14980. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet għal bini jew estensjoni ta' rziezet tan-nagħaġ (sheep farms) jew inkella bdil ta' użu għal sheep farms ġewwa Għawdex bejn l-1 ta' Ġunju 2022 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati, kemm minnhom ġew rifjutati u kemm minnhom għadhom pendenti?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** In-numru totali ta' applikazzjonijiet ppubblikati mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala kompluti bejn l-1 ta' Ġunju 2022 u s-17 ta' Jannar 2024, relatati ma' bini, estensjonijiet u bdil fl-użu għal irziezet tan-nagħaġ f'Għawdex jammontaw għal 16. Minn dawn l-applikazzjonijiet, tnejn ġew approvati, filwaqt li 14 għadhom pendenti. Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema tal-informatika tal-istess Awtorità bit-tiftix tal-kliem "sheep" u "nagħaġ".

## GĦAWDEX – KWALITÀ TAL-ARJA

**14981. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il post f'Għawdex hemm, fejn bħalissa qed jittieħdu kampjuni tal-arja biex tiġi studjata l-kwalità tal-arja? Tista' tgħid fl-aħħar sena u nofs kemm-il darba ttieħdu kampjuni tal-arja miċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex u b'mod partikolari minn Triq ir-Repubblika? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati ta' dawn il-kampjuni li ttieħdu?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) timmaniġġja netwerk li jimmonitorja l-kwalità tal-arja f'Malta u Għawdex. F'Għawdex hemm 11-il lokalità li minnhom jittieħdu kampjuni tad-dijossidu tan-nitroġenu (nitrogen dioxide) u l-benżin (benzene) kull erba' ġimgħat, kif ukoll hemm stazzjon ta' monitoraġġ kontinwu li hu lokalizzat fl-Għarb. Fir-Rabat Għawdex hemm stazzjon ta' monitoraġġ fi Triq ir-Repubblika. Tabella bir-riżultati disponibbli għas-sena 2023 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## GĦAWDEX – PROĠETT TA' ECOPARK

**14982. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti informazzjoni dwar il-proġett ta' Eco Park li kien imwiegħed li kellu jsir mill-Ministeru tagħha fl-area tal-Playing Field tal-Barmil fix-Xewkija, Għawdex? Tista' tgħid ukoll meta hu maħsub li jinbeda u jitlesta dan il-proġett?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green ressqet l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar li qed tikkonsulta ma' entitajiet oħrajn biex ikun jista' jitwettaq il-proġett ġewwa Ġnien il-Kunsill, fix-Xewkija, Għawdex, li fih se jintużaw teknoloġiji innovattivi li jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli. Sadanittant qed jitħejja l-abbozz tas-sejħa għall-offerti relatati max-xogħlijiet meħtieġa għal dan il-proġett, li qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tax-

Xewkija, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu pubblikati malli jinħarġu l-permessi meħtieġa.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMA U L-UGWALJANZA – INGAĠĠ TA' PERSUNI

**15023. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mal-Ministeru tiegħu, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u l-irwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni hi kif ġej:
OPS – 20
HR – 9
Registry – 1
IMU – 10
Finance – 8
SSD – 4
Procurement – 5
International Protection Appeals Tribunal – 4
Operations – 5
Migration – 6
Policy Development and Programme Implimentation – 20
Critical Infrastructure Protection Directorate – 4

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI LI QED JISKONTAW SENTENZA TA' PRIĠUNERIJA

**15024. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li bħalissa qed jiskontaw sentenza ta' priġunerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-ammont ta' persuni għand l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi huwa ta' 690. Minn dawn, 387 persuna huma sentenzjati u 303 persuni taħt arrest.

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI JISTENNEW PROĊEDURI QUDDIEM IL-QRATI

**15025. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li bħalissa qed jinżammu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sakemm qed jinstemgħu l-proċeduri quddiem il-Qrati?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 15024.

## PROBATION U PAROLE

**15026. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm fuq probation u fuq parole?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-Dipartiment tal-Probation u Parole kellu dawn:

399 persuna fuq Ordni tal-Probation;
37 persuna fuq Liċenzja tal-Parole; u
9 persuni li fuqhom qed jiġi kkumpilat Rapport tal-Parole.

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – NAZZJONALITÀ TAL-PERSUNI MIŻMUMA

**15027. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna qiegħda tinżamm fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u jipprovdi n-nazzjonalitajiet tal-persuni li qegħdin residenti hemm?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sal-ġurnata li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hemm 692 persuna li qed jinżammu fil-Faċilità Korrettiva, 331 Maltin u 361 mhux Maltin li ġejjin minn dawn il-pajjiżi:

Afganistan, Albanija, Alġerija, Arġentina, Bangladesh, Belġju, Bosnja, Brażil, Renju Unit, Bulgarija, Burkina Faso, Kamerun, Chad, Ċina,

Kolumbja, Kroazja, Repubblika Ċeka, Danimarka, Repubblika Domenikana, Ġermanja, Eġittu. Eritrea, Etjopja, Filippini, Franza, Gambja, Georgia, Ghana, Greċja, Guyana, Guinea-Bissau, Ungerija, Indja, Iran, Italja, Kosta tal-Ivorju, Liberja, Libja, Litwanja, Maċedonja, Moldova, Montenegro, Marokk, Nepal, Niġerja, Pakistan, Palestina, Panama, Perù, Polonja, Portugall, Rumanija, Serbja, Seychelles, Sierra Leone, Slovakkja, Somalja, Spanja, Sudan, Surinamese, Sirja, Togo, Tuneżija, Turkija, Uganda, Ukrajna, Użbekistan, Venezuela, Vietnam u Zimbabwe.

## FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI

**15028. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** It-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta huwa 1,896. Fis-sena 2023 irtiraw jew telqu 65 membru f'other ranks u seba' officers. Fis-sena 2023 issieħbu 138 persuna.

## DISPOSABLE INCOME

**15144. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma li d-disposable income naqas?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ser jippubblika dawn il-figuri f'Settembru 2024.

## STUDJI DWAR L-GĦOLI TAL-ĦAJJA

**15145. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li saru mill-Gvern fir-rigward tal-għoli tal-ħajja u kif dan jista' jitnaqqas?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15139.

## STUDJI DWAR L-GĦOLI TAL-ĦAJJA

**15146. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li saru mill-Gvern fir-rigward tal-għoli tal-ħajja u kif dan jista' jitnaqqas?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

## LEISURE BOATS REĠISTRATI F'MALTA

**15147. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn leisure boats reġistrati f'Malta?

**ONOR. CHRIS BONETT:** F'Malta hawn reġistrati 21,356 leisure boat.

## MAŻŻRI DISPONIBBLI

**15148. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm mażżri disponibbli?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Transport Malta ma għandha l-ebda mażżri disponibbli biex jiġu allokati. Il-mażżri li kienu disponibbli għall-Awtorità f'kull lokalità huma kollha assenjati u allokati.

Inżid li mażżri jiġu disponibbli għand l-Awtorità f'każ ta' rinunzja, ksur ta' regolamenti jew minħabba xi illegalità mill-istess individwi li jkunu fil-pussess tal-mażżra.

Barra minn hekk, inżid li dawn l-istess mażżri li jiġu hekk disponibbli jerġgħu jiġu allokati skont il-lista ta' stennija ta' dik il-lokalità u dan dejjem skont il-qisien tad-dgħajsa.

## PENSJONI TAT-TEŻOR

**15149. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta l-iskema li ġiet imwiegħda fil-Baġit relatata mal-inklużjoni tal-ħaddiema biex jieħdu l-pensjoni tat-Teżor se tidħol fis-seħħ u din il-pensjoni se tibda tingħata lill-ħaddiema tal-ex Gas Board u l-apprendisti tal-Malta Electricity Board li daħlu mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1977?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** L-iskema tal-eks ħaddiema tal-Gas Board u l-apprendisti mal-Malta Electricity Board sakemm dawn l-entitajiet spiċċaw u wara daħlu mal-Korporazzjoni Enemalta kienet ħarġet fil-Gazzetta tal-Gvern datata 24 ta' Mejju 2019.

L-iskema ma kinitx tindika li dawn l-impjegati kienu se jitħallsu l-Pensjoni tas-Servizz imma għotja ta' darba.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – ĦADDIEMA

**15175. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Id-dettalji jinsabu fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ĦADDIEMA

**15176. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella annessa*.

**Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument.*

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – ĦADDIEMA

**15177. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika):** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabelli t'hawn taħt.

| **Uffiċjali Pubbliċi fil-Ministeru** | |
|---|---|
| Full-Time* | 53 |
| Part-Time | 0 |
| Flexi time | 4 |
| Flexi week | |
| Reduced Hours | 6 |
| Extended Remote Working | 12 |
| Remote Working | 18 |

| **Entitajiet/Dipartimenti fi ħdan il-Ministeru** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | CMD | ITS | MCC | MFC | MTA | TZRA |
| Full-Time* | 637 | 173 | 28 | 11 | 166 | 8 |
| Part-Time | 0 | 30 | 0 | 0 | 3 | 0 |
| Flexi time | 1 | 61 | | | 169 | 7 |
| Flexi week | | | | | | 1 |
| Reduced Hours | 1 | 1 | 1 | | 11 | |
| Extended Remote Working | 7 | | | | 29 | |
| Remote Working | 9 | 65 | 7 | | | |

*Jinkludu dawk li jaħdmu bir-reduced hours

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ĦADDIEMA

**15178. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Tista' tgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Tista' tgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – ĦADDIEMA

**15179. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA

**15180. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## SPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA

**15244. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li rrikorrew lejn id-Dipartiment tal-Emerġenza, xahar b'xahar, matul l-2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ġew riferuti mit-tobba minn kull ċentru tas-saħħa, mit-tobba fis-settur privat u kemm marru mingħajr referenza?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Minn informazzjoni miġbura permezz tas-sistema CPAS tal-Isptar Mater Dei, in-numru ta' attendenzi fid-Dipartiment tal-Emerġenza, xahar b'xahar, kien skont il-lista li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## SPTARIJIET – LISTI TA' STENNIJA GĦALL-OUTPATIENTS

**15245. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-waiting list bħalissa fl-Outpatients Department, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, għal kull speċjalizzazzjoni sew medika, kif ukoll kirurġika?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** M'hemmx waiting lists bħalissa fl-Outpatients Department, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Wieħed għandu jkun mgħarraf li f'dawk il-każijiet li huma urġenti, il-pazjenti jaraw l-ispeċjalista mil-lum għal għada jew fl-ewwel out-patients clinic li jmiss.

## SPTARIJIET – LISTI TA' STENNIJA

**15246. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-waiting list bħalissa fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għal kirurġija ġenerali, ortopedika, oftalmika, ENT, ġinekoloġija, kardjoloġika, pedjatrika u l-ispeċjalizzazzjonijiet l-oħra individwali? Jista' jgħid ukoll kemm persuni minn din il-lista huma Maltin u kemm huma barranin?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## INFERMIERA

**15247. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni ġewwa l-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Maltin, kemm huma barranin u x'nazzjonalità għandhom dawn tal-aħħar?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## TOBBA

**15248. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' tobba u speċjalisti f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni fl-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Maltin u kemm huma barranin u x'nazzjonalità għandhom dawn tal-aħħar?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## INFIERMIERA BARRANIN – KOMUNIKAZZJONI BIL-MALTI U BL-INGLIŻ

**15249. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-infermiera ta' nazzjonalità mhux Maltija huma kapaċi jikkomunikaw sew bil-Malti u bl-Ingliż?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Biex infermiera ta' nazzjonalità barranija jkunu jistgħu jaħdmu fis-servizz pubbliku, irid ikollhom

ċertifikat tal-Ingliż jismu IELTS (International English Language Testing System) f'livell 6 jew ekwivalenti hekk kif stipulat fis-sejħa tal-applikazzjoni.

Barra minn hekk, huma obbligati wkoll li jtemmu b'suċċess l-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal-Università ta' Malta. Infermiera li ma jkunux kisbu dan iċ-ċertifikat fiż-żmien ta' prova, jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat. Min jonqos li jippreżenta, sa tmiem il-perjodu ta' prova, evidenza li għadda b'suċċess, dan jirriżulta f'terminu awtomatiku tal-kuntratt tax-xogħol.

## BORD TAL-PAROLE – RAPPORT ANNWALI GĦALL-2023

**15291. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rapport annwali għas-sena 2023 ġiex ippreżentat mill-Bord tal-Parole skont is-subartikolu (4) tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dan ser ikun konkluż fi żmien qasir.

## ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI – RAPPORT ANNWALI GĦALL-2023

**15292. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk għaddiex għandu r-rapport annwali għas-sena 2023 skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15291.

## ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRICI – PAROLE DOSSIERS

**15293. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreparati parole dossiers *ai termini* tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi matul is-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Hemm 42 dossier li ġew ippreparati u ppreżentati fis-sena 2023.

## ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI – OFFENDER ASSESSMENT BOARD

**15294. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew diskussi u ppreparati rapporti, skont l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, mill-Offender Assessment Board matul is-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Saru 42 rapport mill-Offender Assessment Board fis-sena 2023.

## SELMUN PALACE HOTEL – XOGĦOL

**15307. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9185, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender għal manutenzjoni estensiva tas-Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa nħarġitx? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar din it-tender u jekk din ġietx aġġudikata? Jekk le, jista' jgħid meta hu mistenni li tinħareġ din it-tender?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

## SELMUN PALACE HOTEL – ŻVILUPP

**15308. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan tal-Gvern fir-rigward tas-Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa, u jekk hemmx ħsieb li din il-binja tinbiegħ sabiex din tiġi żviluppata mill-ġdid?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** It-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

## ALLOWANCE TAL-ILTIMA

**15349. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li qed jibbenefikaw mill-allowance tal-iltima?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Skont l-aħħar pagament li sar f'Jannar 2024, hemm ħames persuni li qegħdin jibbenefikaw mill-allowance tal-iltima.

## BOUNCERS U UFFIĊJALI PRIVATI TAS-SIGURTÀ - EMENDI FIL-LIĠI RISPETTIVA

**15350. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għal dak li qal il-Ministru għall-Ġustizzja fil-Parlament, fejn meta ġie mistoqsi jekk għandux il-ħsieb li jemenda l-liġi dwar il-bouncers u uffiċjali privati tas-sigurtà huwa wieġeb li jekk ikollu talba għal dan, huwa lest li jikkollabora, jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jagħmel l-emendi neċessarji u jekk hux ser jagħmel talba lill-Ministru għall-Ġustizzja biex jagħmel dan?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Korp tal-Pulizija fl-aħħar snin alloka iżjed riżorsi kif ukoll qed jopera b'*modus operandi* differenti msejjaħ 'intelligence-led policing' fiż-żoni l-aktar frekwentati, bħalma hu Paceville. Fil-fatt, skont l-aħħar rapport ippubblikat, kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' kriminalità marbuta ma' ġrieħi f'San Ġiljan, tant li r-rata kienet l-anqas f'25 sena (teskludi s-snin tal-pandemija – 2020 u 2021).

Minkejja dan, il-Gvern jibqa' miftuħ għal kull tip ta' riforma jew investiment.

Sadanittant, investiment importanti li ser ikun qed isaħħaħ is-sigurtà f'dawn iż-żoni u kif ukoll jgħin lil-Korp tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom hu dak imħabbar fil-baġit għal din is-sena, hekk kif il-LESA se tkun qed tinvesti fi proġetti teknoloġiċi, inkluż kameras tas-sigurtà mqabbdin mal-kamra tal-kontroll tal-LESA u l-Pulizija, sabiex iservu bħala deterrent kif ukoll permezz tagħhom tkun tista' tittieħed azzjoni kontra kull tip ta' kriminalità u/jew abbuż. Dan huwa meqjus bħala mod effettiv kif jinżammu għajnejn kontinwi fuq dawn il-persuni u persuni oħrajn li jkunu f'din iż-żona. B'rabta ma' dan, diġà għaddej xogħol preparatorju u qed isiru d-diskussjonijiet ma' stakeholders importanti.

## LIĊENZJI TA' BOUNCERS

**15351. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li għandhom liċenzja ta' bouncer? Jista' jgħid kemm hawn aġenziji li jipprovdu dan is-servizz u jipprovdi elenku tagħhom? Jista' jgħid ukoll meta kien l-aħħar li l-Pulizija għamlet verifika biex tara li kull minn qiegħed jaħdem f'dan il-qasam huwa liċenzjat?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Hawn 105 persuni li għandhom liċenzja ta' bouncer, filwaqt li n-numru ta' aġenziji li għandhom liċenzja li jħaddmu/jagħtu s-servizz ta' bouncers f'Malta huma 32, kif jidher fit-tabella t'hawn taħt. Biex jiġi żgurat li gwardjani privati li joffru servizz f'postijiet tad-divertiment ikunu liċenzjati, isiru verifiki kontinwi mill-Pulizija bħala parti mir-rutina u r-responsabbiltajiet tagħhom, biex jinforzaw il-liġijiet u jippreservaw l-ordni pubbliku.

| | |
|---|---|
| 1. | Safetrust Security |
| 2. | J.F Security and Consultancy Services Ltd |
| 3. | G4S Security Services (Malta) Ltd |
| 4. | G4S Security Services Ltd |
| 5. | Security Services Malta Ltd |
| 6. | Oscar 7 Security |
| 7. | Khiron Security Ltd |
| 8. | Kerber Security Ltd |
| 9. | Global Security Services Ltd |
| 10. | Kavallieri Security Services Ltd |
| 11. | Executive Security Services Ltd |
| 12. | Protection Services (Malta) Ltd |
| 13. | Security First Services Ltd |
| 14. | OZO Security Services Company Ltd |
| 15. | Signal 8 Security Services Malta Ltd |
| 16. | S.O.S. Security Ltd |
| 17. | I.Q. Security |
| 18. | Goldguard Security services Ltd |
| 19. | Proforce 1 Security Malta Ltd |
| 20. | Total Management Solution Company Ltd |
| 21. | TacticalSecurity Pro. Ltd |
| 22. | Professional Security Services Ltd |
| 23. | JK Security Ltd |

| | |
|---|---|
| 24. | CAMC Security Ltd |
| 25. | Crowd Safety Management Ltd |
| 26. | Blue Border Holdings Ltd |
| 27. | Kerber ES Limited |
| 28. | La Vallette Outsource limited |
| 29. | R. Cauchi Ent Ltd Agency |
| 30. | Adler Security Services |
| 31. | Special Intervention Security |
| 32. | Malta Elite Services Limited |

## PULIZIJA – TIĠDID TA' LIĊENZJI GĦAL ARMI TAN-NAR

**15352. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jitlob lill-Pulizija li meta jkun hemm applikazzjoni għal tiġdid ta' liċenzja ta' arma tan-nar, l-applikant ikun mitlub li jipprovdi ċertifikat li m'għandux problemi ta' saħħa mentali jew mard/kundizzjonijiet oħra li jistgħu jwasslu biex jabbuża minn din il-liċenzja?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kull min jitlob liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi, il-Pulizija titlob biex mal-applikazzjoni jinġieb ċertifikat mediku li juri li persuna li qed tapplika kapaċi li żżomm u tuża arma. Issir verifika jekk kienx ħati ta' xi reati kriminali jew jekk jaqax taħt xi wieħed mis-sitwazzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Kap. 48, tal-Liġijiet ta' Malta.

Sussegwentement l-applikant jitla' għat-test quddiem il-Weapons Board, li jeżamina l-kapaċità tal-persuna li żżomm u tuża armi. Il-Bord wara jibgħat rakkomandazzjoni lill-Pulizija u f'każ ta' riżultat pożittiv, tkun tista' toħroġ liċenzja. L-applikant ikun jeħtieġ li jippreżenta kopja tal-membership ma' għaqda rikonoxxuta għal dan il-għan, kif ukoll polza tal-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni. Il-Korp huwa dejjem miftuħ sabiex ikompli jsaħħaħ din l-analiżi. Għaldaqstant inbeda proċess intern ta' kif din l-analiżi tista' tkun imsaħħa, inkluż bl-għajnuna ta' professjonisti oħrajn.

## DAWL TAT-TOROQ – SPEZZJONIJIET

**15353. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk isirux spezzjonijiet matul il-lejl sabiex jiġi assigurat li d-dwal tat-toroq ikunu mixgħula? Tista' tgħid ukoll x'inhi r-raġuni li diversi żoni bħal parti kbira mill-Wardija, Triq Ta' Ġiorni ġewwa San Ġiljan u parti minn Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar (iż-żona tar-roundabout), fost oħrajn, ilhom mitfija għal diversi ġimgħat?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Spezzjonijiet matul il-lejl isiru regolarment mit-tekniċi tal-Enemalta. Fir-rigward tal-ilmenti msemmija dwar iż-żoni indikati fil-Wardija u San Pawl il-Baħar, il-ħsarat kienu kkawżati minħabba l-maltemp u riħ qawwi li għamel u ttieħdet azzjoni dwarhom. Fil-każ ta' Triq Ta' Giorni f'San Ġiljan instabu ħsarat f'lampa li rriżulta li ġiet installata irregolarment u kienet qed taffettwa lampi oħrajn fl-inħawi. Għaldaqstant din il-lampa ġiet skonnettjata filwaqt li l-Kunsill Lokali kien notifikat biex jirregolarizza l-installazzjoni tagħha.

## IN-NAXXAR – TRIQ IL-FORTIZZA TAL-MOSTA – ROTOT TAL-LINJA

**15354. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14507 dwar rotot tal-linja li jaqdu lir-residenti ta' Triq il-Fortizza, fin-Naxxar, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mappa li turi minn fejn tgħaddi kull rotta msemmija fl-istess tweġiba?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-mappa li turi minn fejn jgħaddu r-rotot 49, 103 u 260 hekk kif indikat fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14507 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Joperaw fuq rotot kif ġej:

- Rotta 49 topera bejn l-Għadira u l-Belt Valletta;
- Rotta 260 topera bejn il-Għargħur u l-Belt Valletta via l-Isptar Mater Dei; u
- Rotta 103 topera bejn Pembroke u l-Mosta.

## GĦAWDEX – TEATRI

**15382. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx

ippjanat li ż-żewġ teatri ġewwa Għawdex jingħataw aktar baġit mis-sena l-oħra għall-organizzazzjoni tal-opri ġewwa Għawdex?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Bħalissa għaddej proċess biex l-iskema li jibbenefikaw minnha ż-żewġ teatri ġewwa Għawdex tiġi ristrutturata.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – DIRETTORAT TAT-TURIŻMU

**15383. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-miżuri u l-inizjattivi li ser jittieħdu mid-Direttorat tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex jiġu attirati turisti ta' kwalità ġewwa Għawdex?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Id-Direttorat tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku, b'kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet, fosthom l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, għaddej b'ħidma biex jippromwovi lil Għawdex bħala destinazzjoni distinta biex jiġu attirati turisti ta' kwalità. Kien għal din ir-raġuni li wara għaxar snin inħasset il-ħtieġa li jsir re-branding ta' VisitGozo. Dan huwa kkumplimentat b'diversi kampanji li se jsiru din is-sena, fuq bażi B2C, permezz ta' promozzjoni diġitali. Apparti minn hekk, bħalissa għaddejja ħidma B2B biex jitħejjew kampanji fi swieq li jagħmlu sens għal Għawdex, abbażi tal-konnettività, l-għarfien, il-profili u demografiji li jassimilaw mal-prodott turistiku Għawdxi. Min-naħa l-oħra, id-Direttorat tat-Turiżmu se jerġa' jniedi għadd ta' skemi li jinċentivaw lill-privat biex jinvesti aktar fil-prodott turistiku tiegħu. Dawn l-iskemi huma:

1. Supporting the Adventurous Tourism Industry in Gozo through Hiring Equipment Refund Scheme;
2. Supporting Marketing Initiatives for the Accommodation Sector in Gozo;
3. Restoring and Upgrading Venues with the Capacity to Host MICE Events in Gozo 2024; u
4. Supporting Marketing Initiatives For Specific Niche Markets in Gozo 2024.

Barra minn hekk, għaddejja kollaborazzjoni ma' organizzazzjoni internazzjonali biex Għawdex jospita attività kulturali, artistika u sportiva li se ġġib magħha 'l fuq minn 600 ruħ minn Franza u l-Iżvizzera. Dawn l-attivitajiet jimmitigaw l-istaġjonalità ta' Għawdex.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - SEJĦIET GĦAL ALLIED HEALTH PROFESSIONAL (OCCUPATIONAL THERAPY)

**15406. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul dawn l-aħħar sitt xhur il-Ministeru ħariġx sejħiet għal Allied Health Professional (Occupational Therapy)? Jekk iva, jista' jgħid jekk wieħed mill-kriterji sabiex tikkwalifika għal dan ix-xogħol kinitx li trid tkun third country national? Jekk iva, kemm kien hemm Maltin li applikaw, iżda minħabba li kienu Maltin ma kkwalifikawx għal dan ix-xogħol?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** F'dawn l-aħħar sitt xhur il-Ministeru ħareġ żewġ sejħiet għal Allied Health Professional (Occupational Therapy). Waħda mis-sejħiet kienet miftuħa għall-applikanti Maltin kif ukoll Ewropej u l-oħra kienet għall-applikanti li huma third country nationals. Din tal-aħħar inħarġet għax ma kienx hemm biżżejjed applikanti fl-ewwel sejħa. Qed jiġi kkjarifikat li skont ir-regolamenti, l-applikanti tal-ewwel sejħa jiġu ingaġġati b'mod indefinit, filwaqt li l-applikanti għas-sejħiet għal third country nationals jiġu ingaġġati b'mod definit. Iż-żewġ applikanti Maltin li applikaw fit-tieni sejħa ma kinux eliġibbli skont il-kriterji tas-sejħa.

Dalwaqt ser tinħareġ sejħa oħra li jkunu jistgħu japplikaw għaliha.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15426. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-

entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15427. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15428. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15429. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15430. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull Procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15431. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

## STORBJU AMBJENTALI

**15464. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx limiti stabbiliti mill-Awtorità kompetenti fir-rigward tal-istorbju ambjentali skont id-Direttiva 2002.49.EC?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-limiti u valuri applikabbli huma allinjati mad-Direttiva msemmija.

## STORBJU AMBJENTALI

**15465. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid jekk hemmx limiti stabbiliti mill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-istorbju ambjentali skont id-Direttiva 2002.49.EC?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

## MEDIĊINA BLINATUMOMAB

**15479. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċina Blinatumomab li tintuża għall-kura tal-kanċer hix liċenzjata biex tingħata f'pajjiżna? Jekk iva, jista' jgħid liema pazjenti qegħdin jingħataw din il-mediċina? Jekk le, jista' jgħid hemmx ħsieb li din il-mediċina tiġi liċenzjata biex tingħata f'pajjiżna?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-mediċina bl-ingredjent attiv Blinatumomab hija lliċenzjata b'mod iċċentralizzat mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini. B'dan il-mod hija disponibbli f'kull pajjiż Ewropew.

## MARSAXLOKK – TRASPORT TAT-TURISTI BIL-FREJGATINA

**15548. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Avviż Legali 117/2014 - Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali, huwiex qed jiġi applikat għat-trasport bil-frejgatina bit-turisti mill-Bajja ta' Marsaxlokk u jekk hux qiegħed jiġi infurzat fir-rigward tad-distanzi rikjesti bil-liġi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-Avviż Legali 117/2014 - Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali, qed jiġi applikat fejn għandu x'jaqsam trasport bid-dgħajjes bit-turisti u passiġġieri mill-Port ta' Marsaxlokk. Ir-regolamenti qed jiġu wkoll infurzati fir-rigward tad-distanzi rikjesti bil-liġi, fejn hu possibbli u fejn l-ispazju bejn irmiġġ u ieħor jippermetti l-bejgħ tas-servizz.

Madanakollu nżid li peress li m'hemmx qbil mill-operaturi kollha fuq il-post tal-bejgħ, l-imbark u l-iżbark ta' dan is-servizz, l-Awtorità tat-Trasport għaddejja b'diskussjonijiet mal-partijiet u l-operaturi kollha kkonċernati u involuti sabiex tinstab soluzzjoni komuni u dejjiema għal dan l-operat kummerċjali relattivament ġdid.

## L-IMĠARR – ĊIMITERJU – MANUTENZJONI

**15549. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Fid-dawl li għal numru ta' drabi tlabt biex issir il-manutenzjoni meħtieġa fiċ-ċimiterju tal-Imġarr (Malta), dan wara li ilu f'din il-qagħda prekarja għal aktar minn tliet snin, jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-qagħda ta' dan iċ-ċimiterju?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Wara li saru diversi sejħiet, l-offerta ġiet aġġudikata u sar il-ftehim tal-kuntratt mal-kuntrattur magħżul.

Ix-xogħol ser ikun jista' jibda meta joħorġu l-permessi mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni u jingħata l-permess mis-sid tal-għalqa ta' biswit iċ-Ċimiterju għax xi xogħlijiet li jridu jsiru minn hemm. Imbagħad il-kuntrattur ikollu perjodu ta' għaxar ġimgħat biex ilesti x-xogħlijiet.

## DIPARTIMENT TAL-ANIMAL WELFARE – SPEZZJONIJIET

**15550. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet f'Malta mid-Dipartiment tal-Animal Welfare matul is-sena 2023?

**ONOR. ANTON REFALO:** Matul l-2023 saru 1,081 spezzjoni f'Malta mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

## DIPARTIMENT TAL-ANIMAL WELFARE – TRATTAMENT MHUX XIERAQ TAL-ANNIMALI – PASSI LEGALI

**15551. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ittieħdu passi legali mill-Animal Welfare Department fuq trattament mhux xieraq tal-annimali matul dawn l-aħħar tliet xhur? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'dan ir-rigward?

**ONOR. ANTON REFALO:** F'dawn l-aħħar tliet xhur, jiġifieri minn Novembru 2023 s'issa, inħarġu ħames kwereli u multa amministrattiva waħda.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS

**15552. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Lulju u Ottubru 2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 13751.

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS

**15553. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn April sa Diċembru 2023?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## GOZO CHANNEL – IR-RABA' VAPUR

**15558. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15358, jista' l-Ministru jagħti time frame sa meta l-pjan li jinxtara r-raba' vapur ġdid tal-Gozo Channel ser iseħħ?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Għall-aħħar ta' din is-sena l-kumpanija tkun tista' tħabbar il-viżjoni tagħha għal futur, inkluż it-triq 'il quddiem fuq ir-raba' vapur.

## SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – CHIEF NURSING MANAGER

**15559. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Chief Nursing Manager fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Bħalissa ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hemm Acting Chief Nursing Manager.

## KAŻ TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN

**15576. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex stabbilit kemm kien l-ammont ta' liċenzji tas-sewqan li ngħataw b'mod preferenzjali jew irregolari b'rabta mal-każ tal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan li dwaru hemm proċeduri l-Qorti? Jista' jgħid ukoll jekk ġewx identifikati liema kienu l-persuni li ngħataw dawn il-liċenzji b'mod preferenzjali jew irregolari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 15575.

## PATCHING BIL-KONKOS

**15652. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy dwar il-patching bil-konkos li qed jingħata f'ħafna postijiet fejn jitqattgħu trinek jew isiru xi xogħlijiet u jitħalla hekk għal xhur sħaħ, jekk mhux aktar? Jista' jgħid ukoll hemmx xi obbligu legali li dan jiġi asfaltat, u jekk hemm xi obbligi simili, kif u min jinforzahom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Transport Malta toħroġ permessi bil-kundizzjoni ta' reinstatement skont it-Trenching Excavation guidelines li jinsabu fuq is-sit uffiċjali ta' Transport Malta.

## UNESCO – SITI TA' PATRIMONJU DINJI

**15669. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema mis-seba' siti li kienu fuq it-'Tentative List' tal-UNESCO fl-1998 ġew innominati biex jingħataw rikonoxximent bħala Siti ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO mill-2018, meta l-Ministru nieda l-proġett? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn is-siti?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15668.

## PATRIMONJU KULTURALI – PROĠETT TAL-INVENTARJU NAZZJONALI

**15670. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-inventarju nazzjonali ta' patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli u jgħid kemm tpoġġew siti, oġġetti, eċċ. fuq dan l-inventarju mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jipprovdi lista komprensiva maqsuma bejn patrimonju kulturali tanġibbli u dawk intanġibbli, kif ukoll skont it-tipoloġiji?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-proġett tal-Inventarju Nazzjonali għadu għaddej u dan anke *in vista* tal-fatt li Malta hija mogħnija b'patrimonju rikk u estensiv.

Mis-sena 2018 'il quddiem sar investiment ġdid fl-Inventarju Nazzjonali, sew fejn tidħol teknoloġija, kif ukoll riżorsi umani.

Fis-sena 2021, is-Sovrintendenza ffirmat Enterprise Agreement mal-kumpannija ESRI sabiex l-inventarju jkun ibbażat fuq sistema ta' GIS. Dan il-ftehim issa ġie inkorporat mal-ftehim il-ġdid li l-Gvern Ċentrali ffirma mal-kumpannija ESRI. Is-siti tal-inventarju li kienu nġabru sal-2014 kellhom jiġu verifikati kollha kemm huma minħabba li nstab li kien hemm ammont konsiderevoli ta' żbalji, partikolarment fil-kordinati ġeografiċi, iżda anke f'dettalji oħra.

Mis-sena 2018 ’il quddiem ittieħdet ukoll id-deċiżjoni li l-Inventarju jingħata xeħta aktar wiesgħa u s-sejbiet arkeoloġiċi kollha ma jibqgħux jiġu mistura, iżda bdew jiġu ppubblikati fuq l-istess pjattaforma tal-Inventarju.

Fis-sena 2022 reġa’ ġie ppubblikat l-Inventarju mill-ġdid wara li saru l-korrezzjonijiet neċessarji għal total ta’ 2,490 sit (ara d-dokument Lista A hekk kif imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) u għall-ewwel darba ġew ippubblikati s-sejbiet arkeoloġiċi għal total ta’ 2,300 sit, u li issa jammonta għal total ta’ 3,176 sit (ara d-dokument Lista B hekk kif mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra). F’Diċembru 2023 żdiedu 48 sit ġdid (ara d-dokument Lista C hekk kif imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) u dan filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin għandhom jiġu ppubblikati disa’ siti oħra.

## PATRIMONJU KULTURALI – TFASSIL TAD-DOKUMENT TA’ POLITIKA DWAR PROTEZZJONI

**15671. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid fiex wasal it-tfassil tad-dokument ta’ politika ta’ kif għandhom jiġu protetti siti u oġġetti ta’ patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli li tpoġġew fuq l-inventarju nazzjonali?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, fis-sezzjoni ‘Preliminarja’, jispeċifika t-tifsira ta’ Patrimonju, liema tifsira tinkludi patrimonju tanġibbli u intanġibbli. Abbażi ta’ din it-tifsira, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tevalwa proprjetà/siti/oġġetti jekk humiex ta’ valur kulturali jew le.

Filwaqt li l-ġbir tal-Inventarju Nazzjonali huwa wieħed mill-obbligi tas-Sovrintendenza hekk kif stabbilit fl-artikolu 7(5) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-metodu ta’ kif jinġabar l-inventarju huwa wkoll stabbilit fl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, preċiżament fl-artikolu 53.

## APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP – SKOPERTI ARKEOLOĠIĊI

**15672. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Fid-dawl li l-Awtorità tal-Ippjanar din il-ġimgħa ssospendiet il-PA/03174/23 biex titlob informazzjoni mingħand is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar skoperti arkeoloġiċi fuq il-post, filwaqt li l-istess Awtorità tal-Ippjanar tat tiġdid ta’ applikazzjoni preċedenti (PA/03678/23) fuq l-istess footprint ġimagħtejn ilu, jista’ l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza waqqfitx ix-xogħlijiet b’rabta ma’ dak il-permess, jew jekk is-Sovrintendenza hux ser tippermetti lill-iżviluppatur ikompli x-xogħlijiet fuq il-bażi tal-permess PA/03678/23 bis-sogru li jinqerdu aktar fdalijiet u għar taħt l-art, anke waqt li jidħol f’konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni mhux deċiża fuq l-istess footprint?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

## APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP – SKOPERTI ARKEOLOĠIĊI

**15673. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li l-Awtorità tal-Ippjanar din il-ġimgħa, ssospendiet lill-PA/03174/23 biex titlob informazzjoni mingħand is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar skoperti arkeoloġiċi fuq il-post, filwaqt li l-istess Awtorità tal-Ippjanar tat tiġdid ta’ applikazzjoni preċedenti (PA/03678/23) fuq l-istess footprint ġimagħtejn ilu, jista’ l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza waqqfitx ix-xogħlijiet b’rabta ma’ dak il-permess, jew jekk is-Sovrintendenza hux ser tippermetti lill-iżviluppatur ikompli x-xogħlijiet fuq il-bażi tal-permess PA/03678/23 bis-sogru li jinqerdu aktar fdalijiet, u għar taħt l-art, anke waqt li jidħol f’konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni mhux deċiża fuq l-istess footprint?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali waqqfet ix-xogħlijiet kollha li jistgħu jitwettqu taħt il-permess PA/03678/23 kif ukoll PA564/18 sakemm tingħata l-informazzjoni kollha lill-Awtorità tal-Ippjanar.

## PROĠETTI KAPITALI PPJANATI

**15674. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti kapitali kbar li hemm ippjanati għas-sentejn li ġejjin?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Dak tal-lum huwa l-iktar Gvern li qed jalloka spiża kapitali biex ikompli jimmodernizza kull settur.

Fil-fatt, fil-ħames snin qabel il-pandemija l-ispiża kapitali tal-Gvern kienet 3.3% tal-ġid nazzjonali. Dan meta l-medja taż-Żona Ewro kienet 2.7%. Mill-2019 'l hawn infaqna medja ta' 4%. Dak kontra medja ta' 3.1% madwar iż-Żona Ewro.

Din hija darba u nofs ir-rata ta' investiment kapitali li seħħet taħt l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista.

Intant, fid-dekasteru li jien responsabbli għalih, Infrastructure Malta se tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u għall-futur. Dan wara li fl-aħħar snin tlestew proġetti li għamlu differenza kbira. Għalhekk se nibqgħu nieħdu deċiżjonijiet li ħaddieħor evita b'mod konvenjenti.

Fis-sentejn li ġejjin ser nibqgħu ambizzjużi biex inkomplu jew nibdew inwettqu proġetti infrastrutturali fit-toroq, inkluż dawk residenzjali, u proġetti marittimi. Fost oħrajn, għandna ppjanat li nkomplu għaddejjin bil-ħidma f'parti oħra minn Triq Sant'Andrija, din id-darba bejn il-junctions ta' Triq Normandy u Triq Villa Rosa; inwessgħu l-proġett Shore-to-Ship (fil-parti tan-Nofsinhar tal-Port il-Kbir); inkomplu naħdmu fuq il-Buġibba breakwater; u l-proġett ta' reklamazzjoni fil-Port il-Kbir (Ras Ħanżir) li bih ser jiġi ffurmat moll ġdid għall-merkanzija b'tul ta' madwar 360 metru. Dan ser isaħħaħ l-effiċjenza tal-Port u l-awtoritajiet marittimi ser jingħataw iktar flessibbiltà biex jużaw mollijiet oħra fl-istess żona u għalhekk ikabbru l-kapaċità operattiva ta' dan il-port tant essenzjali għal pajjiżna.

*** Tabella marbuta mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15176**

| | Full-Time | Part-Time | Flexi Time | Flexi Week | Reduced Hours | Extended Remote Working | Remote working |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Academy | 6 | 0 | 6 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| AFM | 1687 | 209 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ARUC | 8 | 0 | 8 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Aviation Security | 7 | 0 | 6 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| AWAS | 221 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 5 |
| CPD | 343 | 0 | 15 | 0 | 0 | 3 | 7 |
| CSA | 471 | 2 | 6 | 0 | 4 | 0 | 0 |
| DS | 215 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| Defence | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 1 |
| CGBVDV | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| HRD | 25 | 0 | 25 | 0 | 0 | 3 | 18 |
| Identità | 365 | 59 | 55 | 9 | 14 | 1 | 0 |
| IPA | 25 | 0 | 9 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| Komunità Malta | 29 | 0 | 28 | 0 | 2 | 4 | 0 |
| LESA | 168 | 19 | 0 | 0 | 2 | 0 | 4 |
| NCPE | 16 | 0 | 16 | 0 | 2 | 0 | 0 |
| P&P | 32 | 0 | 0 | 0 | 3 | 12 | 12 |
| Police | 2424 | 36 | 65 | 5 | 89 | 5 | 29 |
| Residency Malta | 48 | 0 | 49 | 0 | 1 | 0 | 21 |
| VSA | 17 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| MHSR | 124 | 12 | 10 | 9 | 2 | 19 | 29 |